# Il-Presepju

Ħarġa Nru. 98
Ottubru - Diċembru 2018



Fuljett maħruġ mill-
GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU - MALTA
c/o 56, Amaltea, Triq il-Marg, Attard ATD 2382 - Malta

Newspaper Post

colour

Fuljett
maħrug kull tliet xhur mill-
Għaqda Ħbieb tal-Presepju
Malta.

VO/0844

*Kull korrispondenza
għandha tiġi ndirizzata lis-
Segretarju,
Charles A. Bellia
56, Amaltea, Triq il-Marġ,
Attard ATD2382. Malta*

*IL-PRESEPJU
Jitqassam lill-Membri
tal-Għaqda u għalhekk biex tir-
ċevih ħallas il-miżata
tiegħek regolarment billi
tibgħat €5 lill-Kaxxier.
Kontribuzzjonijiet oħra
biex jinfdew l-ispejjeż
ikunu ferm apprezzati.*

*L-GĦAQDA
ĦBIEB TAL-PRESEPJU
Malta tirringrazzja lil kull min
kiteb f'din il-ħarġa tal-fuljett.*

Apprezzament speċjali
jmur għas-
Sinjura Jessie Chircop
li ħadet ħsieb il-'proof reading'.

# Werrej

Editorjal ........................................................................3
Il-Kelma tal-President ........................................................................4
Ħbieb Ġodda ........................................................................5
Bambin 'Teżor' fit-Taqsima tal-Mużew tas-Subien fir-Rabat ........................................................................8
Issa naf li hu l-Milied ........................................................................10
Il-Benniena tal-Bambin ........................................................................11
Inħobb inżejjen fil-Milied ........................................................................12
L-ikona tat-twelid ........................................................................13
Il-Presepju - l-isbaħ ħaġa għal żmien il-Milied ........................................................................16
Il-Meditazzjoni tar-Ragħajja ........................................................................20
Is-Siġra ta' Jesse ........................................................................21
Kien jgħix il-Milied fl-istennija u l-ferħ... Patri Piju ........................................................................23
Riflessjonijiet fuq il-Madonna ........................................................................26
X'inhi disputa? ........................................................................27
Tagħrif fuq in-Nattivita' eżebita fil-Mużew ta' Glencairn - Il-Bambin u l-maxtura ........................................................................30
Il-Kantiku tal-Milied ........................................................................35

**Stampat**
BONNICI'S PRESS Est.1924
36, St. Paul Street, Valletta
Tel: 21224607 - 21228138
E-mail: emibonnici@gmail.com

# L-Editorjal

L-istennija ta' xi ġrajja jew avveniment tkun ikkarettizata minn preparamenti kbar kif ukoll ħafna il-qalb jekk wara dak ix-xogħol kollu li tkun ħadt hux sejjer jispiċċa kollox b'wiċċ il-ġid jew le.

Dan l-aħħar l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta organizzat, għall-ewwel darba f'Malta, l-Konvenju tal-Presepju. Nista' ngħid bla tlaqliq li dan kien suċċess kbir u li ħalla lil dawk kollha li attendew għaliħ sodisfatti ferm bil-preparamenti u kif tmexxa l-konvenju. Dan l-avveniment sewa ta' ħafna ġid għall-presepju f'Malta. Meta tkellimt mal-President tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Presepju, qalli li hu kien kuntent ħafna kif ġie organizzat u li xtaq li dak li sar f'Malta ma jkunx l-ewwel u l-aħħar. Baqa' skantat kif ġo biċċa ta' gżira bħal Malta l-kult tal-Presepju huwa qawwi daqshekk. Xtaq ħafna li kellu aktar żmien biex jifli sewwa il-presepji li jiġu armati għall wiri madwar Malta fi żmien il-Milied. Ħa pjaċir bil-Kunċert li ttella' fil-Katidral tal-Imdina, bl-ikliet li saru u fuq kollox bl-ikla Maltija speċjalment il-bigilla. Il-postijiet magħżula kienu ferm adatti. L-ambjent u l-atmosfera kienu rilassanti ħafna. Il-parteċipanti li ġew minn bosta postijiet differenti saħansitra mill-Arġentina stqarrew li jerġgħu jiġu Malta bħala btala.

Spikkat fuq kollox il-Konferenza Plenarja. Kull kelliem kellu x'jirrakkonta. Minn qal kif li minn post mitluq ġo kunvent irnexxilhom idawruh f'mużew tal-presepji, minn qal kif fil-kultura tagħhom il-presepju jlaqqa' familji sħaħ, jaħdmu id f'id biex itellgħu presepju. Kien hemm ukoll minn stqarr li l-presepju fil-pajjiż tagħhom qed jiffaċċja sfidi kbar f'din is-soċjetà moderna. Però in-namra lejn il-presepju xorta tibqa' fihom u jemmnu li dan huwa żmien li jgħaddi. Kien hemm is-Sur Jan van Hulst li tkellem miegħi u qal li għandu 'il fuq minn elf presepju u jtella' wirjiet f'pajjiżu u li s-sena l-oħra tellà waħda l-Amerika.

Kellna taħlita ta' kulturi u idejat fuq il-presepju ta' madwar id-dinja. Tajjeb li kif hemm miktub fuq ktieb tal-konvenju li *Madwar il-presepju l-istranġieri jsiru ħbieb* aħna ukoll fuq din il-gżira tant għażiża għalina ma jkomplix ikun hemm piki u antoganiżmu fuq ħaġa li suppost ġabet il-paċi fost il-ġnus. Kollox huwa possibbli. Kollox jiddependi mill-individwu. L-anġli ħabbru l-aħbar it-tajba lir-rgħajja; hekk ukoll aħna għandna nxerrdu l-aħbar it-tajba lil ta' madwarna. Prosit lil kull min kien involut fit-twettieq tal-Konvenju. Nerġa' ngħid Prosit u grazzi.

**Minn hawn nixtieq il-Milied u s-Sena tajba lil kulħadd**.

**Frans Chircop**

# *Il-Kelma tal-President*



Kif inthom ħbieb,

Qedt nikteb dawn il kelmtejn qosra waqt il-wirja annuali tagħna li bħal ma ħabbarna fil-ħarġa ta' Settembru qed jssir ġo Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, l-Belt - faċċata tat-Teatru Rjal fejn konna s-sena l-oħra. Post tajjeb ħafna biex stajna nessibixxu il-presepji lil masses tan-nies li jidħlu l-Belt waqt il festi tal-Millied. Nixtieq nieħu din l akkażjoni u nirringrazzja lil Ministeru Tal-Familja għall-koperazzjoni u l-għajnuna li sibna anke mill-istaff tagħhom.

Kif tafu fil-bidu ta' Novembru tellajna l-akbar proġett li l-Għaqda qatt organizzat, l-ewwel Konvenju Internazzjonli li sar hawn Malta. Bejn is-7 u l-11 ta' Novembru kellna fostna għadd ta' presipisti min diversi pajjiżi li ġew biex iduqu l-Milied u l-presepji Maltin.  Dawn kollha kellhom kliem ta tifħir għal dak li ppreparajnielhom u fuq il-mawra taghhom fostna. Il-presepju laqqgħa kulturi u tradizzjonijiet flimkien.  Stajt tara l-entużjażmu x'ħin konna qegħdin flimkien għall- ikel.  Kulħadd jitkellem u jitbissem; għalkemm xi kultant il-lingwa ma kinitx tiftiehem.  Iżda ħaġa tal-għaġeb permezz ta' terzi persuni konna naslu biex niġbru l-ġist ta' dak li jkun intqal.

Grazzi lil kull minn ta sehmu biex dan kien suċċess ieħor għall-Għaqda tagħna.. Fl-aħħar, meta diġa qed nersqu lejn il-Laqgħa Ġenerali Annwali li jmiss fil-bidu tas-sena 2019 (dettalji iktar tard ) irrid inħeġġeġ lil kull membru biex jersaq u jagħti il kontribut tiegħu bi proposti għat-tisħieħ tal-Għaqda u biex joffru sehem aktar attiv  fit-tmexxija. Il-Laqgħa ta' din is-sena tkun tinkludi wkoll l-elezzjoni tal-Kunsill Amministrattiv għas-sentejn li ġejjin.

Nieħu din l-opportunita biex f'ismi  u f'isem il- kumitat nawgura lill-membri u l-familji tagħhom l-isbaħ xewqat għal Milied Ħieni u Sena Ġdida mimlija risq u barka.

Grazzi.

Andrew Spiteri

# Ħbieb Ġodda

*Tibda bi skambju ta' ismijiet, tislima formali jew xotta u għafsa tal-idejn. Naturalment tbissima ma tonqosx! Ħafna drabi, sforz in-nervosiżmu jew kif inħobbu nsejjħulu l-'eċċitament', bilkemm niftakru inlissnu l-kelma 'Merħba' jew 'Welcome'!*

Din kienet ix-xena fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta meta nhar is-7 ta' Novembru, 2018 morna hemm biex nilqgħu lid-delegati tal-ewwel Konvenju presepistiku li qatt sar Malta. Ħafna minnhom qatt ma konna ltqajna magħhom qabel. Kien hemm min qatt ma ġie Malta. It-tema, jew aħjar il-messaġġ li ridna nwasslu, FID-DIVERSITA - IL-ĦBIBERIJA, beda jitqawwa mal-wasla ta' delegat wara l-ieħor. Mill-ewwel bdiet tinħass id-Diversita li kienet iffurmata minn ismijiet li diffiċli tippronunzjahom u minn lingwi differenti. Meta kulħadd kien wasal il-lukanda, solvejna l-problema tal-komunikazzjoni billi uħud mid-delegati kienu jitkellmu b'iktar minn lingwa waħda u servew ta' interpreti. Riżultat ta' dan it-tbissima li laqqgħetna flimkien tħalltet ma' tgħannieqa biex welldet il-Ħbiberija.



Il-grupp kien wieħed imżewwaq sew. Id-delegati ġew mill-Awstrija, Ġermanja, Italja, Olanda, Slovenja, Spanja u Svizzera. Għalkemm kien Konvenju Ewropew, kellna fostna rappreżentanza mill-Amerika kif wkoll mill-Arġentina. Uħud minnhom huma Uffiċjali ta' Għaqdiet Presepisti f'pajjiżhom. Kien ta' sodisfazzjon li lqajna fostna wkoll lil Herr Johann Dendorfer mill-Bavaria li bħal issa għandu l-kariga ta' President tal-Universalis Fœderatio Præsepistica.

Kellna programm impenjattiv li kemm il-darba ħabat ser jaqtagħlna qalbna. Imma l-ftit esperjenza u l-ħafna determinazzjoni li kellna, żammewna sodi mexjin il-quddiem. Ma niddejjaqx ngħid li domna ftit ma rrankajna, iżda meta wasal il-waqt kulħadd inħakem mill-entużjażmu u ta sehemu biex il-ħolma tagħna li nagħmlu dan il-Konvenju ssir rejalta.

Il-ġranet tal-Konvenju ġew fi żmien meta l-Ispirtu tal-Milied ikun għadu ma wasalx Malta, u għalhekk kellna biċċa xogħol mhux ħażin biex noħolqu atmosfera ta' Milied. Bl-għajnuna ta' għadd ta' presepisti Maltin u Għawdxin tellajna wirja



ta' presepji artistiċi li ġabet kumplimenti tajbin mid-delegati u barranin oħra li żaruha fil-Mużew tal-Katidral, l-Imdina. Il-kunċert mgħoti mill-Kor Naxxari Jubilate Deo taħt it-tmexxija tas-Surmast Christopher Muscat b'kompożizzjonijiet u arranġamenti Maltin kien apprezzat minn dawk kollha li mlew il-Katidral tal-Imdina u għalaq l-ewwel ġurnata tal-Konvenju.

Bħal ma kien ippjanat il-jum tal-Ġimgħa kien dedikat lill-presepju u l-messaġġ li joħroġ minnu. Il-ġurnata bdiet bi żjara fl-Imdina, fid-dawl tax-xemx, wara morna l-Mosta fejn żorna wkoll il-mużew tal-presepju tal-ħabib tagħna Lorry Gatt. Fis-siegħa wasalna l-Porziuncola, Baħar iċ-Ċagħaq fejn wara li kilna sibna *workshop u mercatino* żgħar li taw l-opportunita lil mistednin tagħna biex japprezzaw l-artiġjanat Malti u jixtru tifkiriet taż-żjara tagħhom fostna. Dawn kienu kollha relatati mal-presepju. It-temp sabiħ ippermetta li kulħadd ipoġġi bil-qiegħda u jirrilassa ftit qabel il-konferenza. Tmien kelliema, fosthom il-President tal-Un.Fœ.Præ. u Uffiċċjali minn Għaqdiet oħra barranin tkellmu dwar it-tradizzjonijiet ta' pajjiżhom għal żmien il-Milied. Hawnhekk id-Diversita kompliet tisparixxi u l-ħbiberija kibret sew. Il-messaġġ li xtaqna nwasslu b'dan il-Konvenju ħareġ u kien akklamat minn kulħadd. Fi kliem il-President Johann Dendorfer stess, il-Konvenju ta' Malta kien prova oħra li "madwar il-presepju nies li qatt ma jkunu iltaqgħu qabel isiru ħbieb". Din id-dikjarazzjoni kompliet tidher waqt l-ikla Maltija fl-istess Porziuncola li temmet l-attivitajiet tal-Ġimgħa.



Is-Sibt kien aktar rilassanti. Wara li żorna aktar presepji f'Malta kif ukoll is-sala dedikata lil-presepju fil-Mużew tal-Inkwiżitur, il-Birgu, kulħadd ma jistrieħ sakemm fis-6.30 p.m. inġbarna għal Quddiesa ta' ringrazzjament. Kellna parteċipazzjoni qawwijja, anke minn ħbieb Maltin, li mlew il-knisja tas-Salib Imqaddes (Kapuċċini) l-Furjana fejn Mons Pawl Cremona OP, Arċisqof Emeritus ikkonċelebra flimkien mal-Kapillan tal-Għaqda u Gwardjan tal-Kapuċċini, Patri Pawl Bugeja u ex-Kapillan tal-Għaqda u ex-Gwardjan tal-Franġiskani Konventwali Patri Thomas Calleja.

Il-Konvenju ġie uffiċjalment fi tmiemu b'riċeviment fiċ-Ċentru Kulturali



Franġiskan li matulu sar bdil ta' tifkiriet bejn l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta u uħud mid-delegati f'isem l-Għaqdiet tagħhom.

L-aħħar jum taż-żjara tal-ħbieb tagħna Ewropej qattajnih Għawdex. Apprezzajna numru ta' presepji imħejjija għalina fix-Xagħra, għamilna żjara lil Madonna ta' Pinu fis-Santwarju tagħha u wara l-ikel tlajna ċ-Ċittadella biex il-ħbieb tagħna setgħu jduqu wkoll parti mill-istorja tal-gżira tat-tliet għoljiet. Lura l-lukanda fil-għaxija kellna prova oħra tal-ħbiberija li ħoloq dan il-Konvenju. Fost skambju ta' ringrazzjamenti u tislijiet flimkien ma xi demgħa li tħajjret titfaċċa, ma naqasx l-awgurju li inġeddu din il-ħbiberija fl-2020 waqt Kungress Mondjali ġewwa Aachen, l-Olanda.

# *Il-Miżata*

Nirringrazzjaw lil dawk il-membri li diġa ħallsu l-Miżata għas-sena 2019 meta żaru l-Wirja f'Palazzo Ferrerija, Triq ir-Repubblika Valletta. Jekk m'intix wieħed minn dawn, inħeġġuk li tħallasha kemm jista' jkun malajr. B'hekk tkun qed tikkontribwixxi int ukoll biex l-Għaqda tagħna tibqa' miexja l-quddiem u tilħaq dejjem aktar l-Għanijiet li għalihom twaqqfet.

Qed nippreparaw diversi attivitajiet għal din is-sena...iżda għandna bżonn il-miżata tiegħek biex inkopru ftit mill-ispejjeż.

Tinsiex... il-Miżata tagħna għadha **€5 BISS għal kbar u €2 BISS għat-tfal sa 14 il-sena.**

**Il-Kumitat, flimkien mal-membri**
**jixtiequ juru solidarjeta**
**mas-Sur Joe Theuma u l-familja tiegħu**
**għat-traġedja li ħakmithom fir-residenza tagħhom**
**f'Novembru li għadda.**
**Kull għajnuna hija ferm apprezzata.**

# *Bambin 'Teżor' fit-Taqsima tal-Mużew tas-Subien fir-Rabat*

**Kitba Peter Paul Ciantar**

Il-ħabib tiegħi s-Sur Joseph Muscat soċju tal-Mużew u studjuż magħruf f'pajjiżna fil-qasam tal-presepji u l-Bambini, u fil-qasam tal-istorja marittima ta' Żmien il-Kavallieri f'Malta, dejjem tkellem miegħi dwar is-sbuħija kbira u artistika tal-Bambin tal-Milied li għandhom tal-Mużew fit-Taqsima tas-Subien tar-Rabat. Is-Sur Muscat jaf x'inhu jgħid għax għamel studji kbar dwar l-istorja tal-Bambini u jaf li l-Bambin tar-Rabat huwa 'Bambin Teżor' minħabba l-pożizzjoni, il-fattizzi u s-sbuħija li taf toffri biss it-Tarbija ta' Betlem.



Żgur li r-Rabtin kemm-il darba raw lil dan il-Bambin imqiegħed fil-maxtura f'lejlet il-Milied, fil-purċissjoni tat-tfal tal-Mużew, għaddej ibierek it-toroq tagħna. Jiena nimmaġina li ftit minna waqfu quddiemu japprezzaw il-ġmiel 'naturali' ta' dan il-Bambin Tarbija ta' Betlem.

Dan il-Bambin tal-Mużew tar-Rabat aktarx inġieb minn Lecce fl-Italja għall-ħabta tas-sena 1935. Qed ngħid 'aktarx' għall-fatt li m'aħniex fiż-żgur għax ma nsibu xejn bil-miktub. Iżda fl-istess sena li wasal għand tal-Mużew, ħareġ fil-Purċissjoni tal-Milied li ta' kull sena jorganizzaw is-Soċi tal-Mużew tas-Subien għat-tfal tagħna.

Id-dilettanti mill-ewwel għarfu s-sbuħija ta' dan il-Bambin, u baxx baxx ħadu xi kopji tiegħu sew tax-xemgħa u sew tal-kartapesta. Għaldaqstant, b'xorti ħażina, ma nistgħux ngħidu li dan il-Bambin tar-Rabat huwa l-uniku, għalkemm aħna ngawdu l-oriġinal: u fil-qasam tal-arti, l-oriġinal huwa bil-wisq importanti minn kopja.

B'dispjaċir kbir ngħid ukoll li xi id moħbija għamlet xi restawr fis-saqajn tal-Bambin u għalhekk tellfet xi ftit is-sbuħija tiegħu, għalkemm iż-żebgħa fil-parti l-kbira tagħha hija dik oriġinali.

Matul is-sena, dan il-Bambin tal-Milied jitqiegħed f'niċċa fis-Sede tal-Mużew tat-Taqsima tas-Subien. Tajjeb li ngħidu li din in-niċċa kien ħadimha s-Superjur Gejtu Galea tar-Rabat li żgur ħafna  minna jiftakruh u jafuh sewwa. Gejtu, kif kien magħruf, kien mastrudaxxa tajjeb ħafna, allura ma setax jonqos li ma poġġiex 'qalbu' f'din in-niċċa tal-Bambin tal-Milied. Insemmu wkoll li fil-ġranet tal-Milied, dan il-Bambin Teżor jintrama barra f'post ċentrali fil-Kappella tat-Taqsima.

Naturalment, l-isbaħ dehra ta' dan il-Bambin tar-Rabat hija  x'ħin tarah għaddej f'lejlet il-Milied, mixgħul b'dak id-dawl sabiħ sottili, għaddej mit-toroq dojoq tagħna, merfugħ minn erbat itfal tat-Taqsima, akkumpanjat mit-tfal ikantaw dawk l-għanjiet Maltin tal-Milied hekk sbieħ .... Ninni la Tibkix Iżjed u oħrajn. Din tkun dehra impressjonanti li tfakkrek fl-għożża kbira li San Ġorg Preca (il-Fundatur tal-Mużew) kellu lejn it-twelid ta' Ġesù Bambin.

Ħasra li biex dan il-Bambin tar-Rabat joqgħod sod fil-maxtura, fil-purċissjoni ta' lejlet il-Milied ikun imgeżwer f'terħa xi ftit goffa li m'għandha x'taqsam xejn ma' dik oriġinali tal-artist. Fil-fatt, meta dan il-Bambin ikun merfugħ fin-niċċa jidher isbaħ bħala Bambin .... għax qiegħed mingħajr din it-terħa miżjuda.

Insemmu wkoll li xi devot kien irregala ġiżirana tad-deheb żgħira lil dan il-Bambin, biex din tiddendel ma' għonq it-Tarbija divina.

Naturalment, it-Taqsima tal-Mużew tar-Rabat taf bl-importanza u bis-sbuħija ta' dan il-Bambin, allura meta t-temp ta' lejlet il-Milied ma jkunx jidher li ser jippermetti, it-Taqsima għandha Bambin ieħor u toħroġ lilu, biex b'hekk jitnaqqas is-sogru li jieħu xi tixriba u ssirlu ħsara li ddgħajjef il-ġmiel kbir li jgwadi dan il-Bambin Teżor li għandna fir-Rabat.

## *GĦELUQ IS-SENA*

**Bħal ma nagħmlu kull sena ser nagħlqu l-attivitajiet tagħna għall-2018 b'serata flimkien. Nhar is-SIBT 12 TA' JANNAR, 2019 ser tkun il-ġurnata ta' Egħluq is-Sena 2018 b'dan il-programm:**

5.30 p.m. Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Kappella ta' Lourdes (Kapuċċini) Floriana.

Wara niltaqgħu fiċ-Ċentru Kulturali maġenb il-Kappella għal riċeviment u tqassim ta' ċertifikati u tokens.

Biex tibbikkja jew għal aktar informazzjoni ċempel lis-Segretarju fuq: 9940 6645 jew ibgħat email fuq **presmal18@gmail.com.**

**Tista' wkoll tixtri l-biljett/i tiegħek mill-Wirja f' Palazzo Ferrerija, Triq ir-Repubblika, Valletta.**

**Prezz: €2.5**

# *Issa naf li hu l-Milied*

**Minn Jonathan Balzan**

Ix-xita tqattar ma tinfidx l-għerien tal-presepju,
ma ttellifx lir-ragħaj fi triqtu lejn il-grotta,
ma tidħolx f'qalbi tbaqbaq għatxana
tixxennaq għal paċi mħabbra fil-għar.

Isqini Mulej mill-mirra.
Ippurifikani Mulej bl-inċens,
Dewwibli Mulej bħad-deheb
is-suppervja mħabbla f' għeruqi.
U meta jien nixorbok,
u meta jien ninħall,
u meta jien nindaf,
qalbi l-maxtura,
ġismi l-grotta,
ruħi fil-paċi
fik tistrieħ
mifdija.
U nkun naf li veru ġie l-Milied.



**Il-Kumitat tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta**
**jawgura**
**l-Milied u s-Sena t-Tajba**
**lill-membri u l-familjari tagħhom**
**kif ukoll lil dawk kollha**
**li għandhom għal qalbhom**
**il-ferħ u l-paċi tat-twelid ta' Ġesù Bambin.**

# *Il-Benniena tal-Bambin*

**Minn Joseph Muscat**

Wieħed ta' min jagħti ħarsa lejn il-benniena tal-Bambin kif dehret f'postijiet differenti matul is-snin. Inħallu barra dak li baqa' mill-ewwel waħda u li tinsab fil-bażilika ta' Betlehem u ngħidu xi ħaġa żgħira dwar oħrajn li nibtu matul iż-żmien. Saret rikostruzzjoni ta' waħda minn Lais li turi speċi ta' siġġu li jinfetaħ u jingħalaq u naħa ta' fuq għandu d-drapp. L-idea tal-Bianchini hi elaborata ħafna u fl-istess ħin hi xi ftit fantastika. Hemm ukoll il-benniena Taljana tas-seklu sittax li llum tinsab fil-Mużew ta' Innsbruck li ma' ras minnhom tidher tpinġija ta' ħmara u ma' l-oħra hemm il-baqra. Benniena Pollaka tas-seklu sittax turi ħafna xogħol ta' skultura fuqha u mhix ħlief kaxxa rettangulari li titbandal fuq żewġ riġlejn fl-irjus li huma xi ftit għat-tond; illum din tinsab fil-kunvent tal-Klarissi fi Krakova. Fil-Kollezzjoni privata ta' J. Fresart fi Liege issib benniena oħra tas-seklu ħmistax u li turi dekorazzjoni ta' stil gotiku. Benniena oħra Ġermaniża tas-seklu sbatax, u li ssibha f'Innsbruck turi kaxxa elaborata b'tiżjin tal-iskultura li titbandal fuq żewġ tastieri, maħdumin bit-torn. M'hemmx għalfejn ngħidu li f'dawn il-bennieni kien jitpoġġa bambin liturġiku fil-fisqija.


Bambin liturġiku tax-xema' li jinsab fil-knisja Ta' Ġieżu, ir-Rabat; ħajr lill-Patri Gwardjan Martin Coleiro.

Fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesu' tal-Franġiskani fir-Rabat, Malta, insibu bambin liturġiku fil-fisqija li kien jintuża għall-purċissjoni ta' lejlet il-Milied fil-knisja. Dan il-bambin tax-xema', li ta' l-inqas għandu fuqu tliet mitt sena, illum hu miżmum f'niċċa fis-sagristija ta' l-istess knisja. Ftit qabel l-aħħar gwerra dinjija, missieri, Ġużeppi Muscat, ġie mqabbad biex jagħmel benniena għal dan il-bambin li kien jitpoġġa fuq it-tabernaklu ta' l-altar maġġur u jitħalla hemm għall-festi tal-Milied.


Benniena ta' żmien il-Milied li kienet tintrama fuq it-tabernaklu fil-knisja Ta' Ġieżu, ir-Rabat; ħajr lill-Patri Gwardjan Martin Coleiro

Din il-benniena li hi twila madwar tliet piedi, hi magħmula mill-injam tal-abjad, għandha għamla ta' sodda tat-trabi bil-ġnub magħluqin b'ħafna listi tal-injam. Il-qiegħ hu għamla ta' saqqu għax miksi bid-drapp u mimli b'xi tiben jew ħaxixa. Hi miżbugħa kannella skur ħafna u fuqha jidhru xi dekorazzjonijiet bid-deheb. F' lejlet il-Milied il-patri gwardjan tal-kunvent li kien jiċċelebra l-quddiesa ta' nofs il-lejl, kien joħroġ mis-sagristija jżomm f'idejh il-benniena bil-bambin fiha u ġieli kien joħroġ bil-bambin biss li wara jitpoġġa fil-benniena li tkun ippreparata fuq it-tabernaklu tal-altar maġġur.

# Inħobb inżejjen fil-Milied

**Marianne Tabone**

Kien għadu ż-żmien għall-Milied imma Anita kienet diġa bdiet taħseb biex iżżejjen. Bdiet iddur il-ħwienet kollha fejn tara xi tiżjin fil-vetrini tagħhom. U erħilha tagħżel anġli u rgħajja u pasturi oħrajn . Kienet jew iżżid ma' dawk li kellha jew tibdel xi pastur li jkun qdiem.

Daħlet f'ħanut fejn kienet rat ġmiel ta' rgħajja. Iġġennet malli rathom. Malli daħlet ma qalgħetx għajnejha minn fuqhom. Wara ftit daħlet daqsxejn ta' tifla ċkejkna u bla ma stenniet xejn fil-kju b'subgħajha l-werrej statwetta tal-Madonna. Anita ħasset għajnejha jeħlu ma' dik il-figura sabiħa. Insiet ir-rgħajja li kienet daħlet biex tixtri. Indunat li tal-ħanut waħda biss kellu minn dik l-istatwa. Qabel ma seta' jgħid xejn lit-tifla qaltlu li dik riditha hi u li kienet qabel it-tifla.

Tal-ħanut induna li ma kellux statwa oħra bħalha biex jaqdi lit-tifla wkoll. Ħares lejn Anita u qalilha minn taħt l-ilsien biex tagħżel xi ħaġa oħra. Anita għolliet leħinha u qaltlu li dik l-istawa kienet tagħha. Lilha biss riedet.

Tal-ħanut induna li ċ-ċkejkna kienet se tibki. Qalilha tistennieh ftit u daħal ġewwa. Wara ftit ħareġ u f'idu kellu statwa l-ġmiel tagħha u kbira ħafna aktar minn dik li riedet it-tifla. Anita nsiet il-pasturi li xtaqet hi u għajnejha kienu se jaqbżu minn posthom. Dik l-istatwa kienet tabilħaqq sabiħa. Għamlet ta' birruħha li ħasbitha u riedet tikkuntenta lit-tifla. Offriet li tagħtiha l-istatwa ż-żgħira u hi tieħu l-kbira.

Sid il-ħanut induna bil-manuvra ta' Anita u kien pront qalilha li l-istatwa li kien ġab minn ġewwa kien ġabha apposta għat-tifla. Kien pront geżwirielha f'biċċa gazzetta u bgħatha lejn id-dar. Qalilha li kienet ħalsitu ommha. Anita ndunat x'kien seħħ u nfixlet imma ma setgħet tagħmel xejn.

Dak il-lejl ma setgħetx issib mistrieħ. Baqgħet thewden fuq kemm kienet ġabet ruħha ta' egoista meta għamlet l-arja kontra t-tifla. Bdiet tarma l-presepju imma ma setgħatx tarma l-maxtura. Kull x'ħin bdiet tpoġġi l-Madonna f'postha il-kuxjenza kienet tniggiżha. Fl-aħħar iddeċidiet x'kellha tagħmel. Qabdet l-istatwa tal-Madonna u tagħtha lill-membri tal-Mużew biex jagħmluha lotterija u jaqilgħu xi ħaġa tal-flus għas-soċjeta. Kienet taf kemm ġid kienu jagħmlu dawn is-soċi fir-raħal. Xtaqet tpatti għall-imġieba ħażina tagħha billi tagħmel xi ħaġa tal-ġid. Indunat li l-Milied u l-Presepju ma jfissrux it-tiżjin imma l-imħabba lejn il-proxxmu. Tista' żżejjen kemm trid. Jekk timxi ħażin ma' ta' madwarek, il-Milied isir ifisser biss tiżjin li kważi tista' ssejjaħlu paganeżmu.

Dik is-sena l-presepju ta' Anita ma kienx grandjuż bħas-soltu. Imma żgur li daħlet fiha nfisha u fehmet it-tifsira vera tal-Milied u l-Presepju.

# *L-ikona tat-twelid*

Kultura u Spiritwalita
Minn Fr. Fr. Thomas Calleja OFM Conv.
Jkompli mal-ħarġa Presepju 97



**Fid-dawl naraw id-dawl**
Is-swidija tal-għar hi simbolu tal-ħażen u d-dlam, li issa ntgħeleb mid-dawl tal-lejl li fih twieled Ġesù. Dak il-lejl kien "Il-lejl ta' dawl" I; ma kienx "*il-lejl*" li jikellem dwaru San Ġwann (Ġw. 13, 30)., lanqas ma kien "*is-siegħa u s-setgħa tad-dlamijiet*" li jsemmi San Luqa (Lq. 22, 53). Kien il-lejl ki ħabbar is-Salmista: "*Anqas id-dlam ma hu mudlam; għalik* (Mulej) *il-lejl jiddi bħan-nhar; id-dlam bħad-dawl għalik*" (Salm 139, 12). It-tarbija Ġesù kien "*il-Ħajja*", li *"kienet id-dawl tal-bniedem, id-dawl jiddi fid-dlam u d-dlam ma għelbux... id-dawl veru li jdawwal kull bniedem"* (Ġw. 1, 5; 9). L-ikona tistedinna biex mas-Salmista ngħidu lill-Mulej: "*Għandek hemm il-għajn tal-ħajja; fid-dawl tiegħek naraw id-dawl*" ( Salm 36, 10).

Il-kewkba tidher fin-nofs, bid-dawl tar-raġġi tagħha niżlin min-naħa ta' fuq biex "*idawwal lil min jinsab fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt*" (Lq. 1, 79). B'dan id-dawl l-ikona trid tistieden lilna lkoll biex nirriflettu li dan id-Dawl ġie għalina wkoll. Trid tgħidilna biex ma nkunux boloh aħna wkoll, bħal dawk "*il-bnedmin li ħabbew id-dlam aktar mid-dawl*" (Ġw.3, 19.

Ġewwa l-għar maġenb Ġesù jidhru l-gendus u l-ħmar. Dawn, għalkemm ma jissemmewx fil-vanġelu, insibu referenza għalihom fil-ktieb ta' Isaija: "*Il-gendus jagħraf lil sidu u l-ħmar il-maxtura ta' sidu, imma Iżrael ma jagħrafx u l-poplu tiegħi ma jifhimx*" (Is. 1, 3). Dawn iż-żewġ bhejjem bl-umiltà u bis-skiet tagħhom iridu jgħallmuna biex aħna nagħrfu lil Ġesù bħala s-Sid tagħna u nilqgħuh f'qalbna.

**In-naħat ta' fuq u ta' isfel tal-ikona**
Fil-ġenb tal-lemin in-naħa ta' fuq jidhru żewġ anġli. Wieħed jidher jagħti

“*l-aħbar ta’ ferħ kbir*” lir-ragħaj, li hawn qed jirrappreżenta lil sħabu r-rgħajja kollha-lilna magħhom (Lq. 2, 10). L-anġlu l-ieħor qiegħed fl-atteġġament ta’ qima u adorazzjoni lejn is-“*Salvatur, li hu l-Messija, l-Mulej*” (Lq. 2, 11). Fuq in-naħa tax-xellug hemm tliet anġli oħra li jrrappreżentaw l-għadd kbir ta’ qtajjà tas-sema, jfaħħru lil Alla: “*Glorja lil Alla fl-ogħli tas-smewwiet u sliem fl-art lill-bnedmin ta’ rieda tajba*” (Lq. 2, 13-14).

Tajjeb nosservaw li f’xi verżjonijiet oħrajn tal-ikona tat-twelid f’din il-faxxa ta’ fuq tal-ikona nsibu wkoll il-Maġi, li ġew Ġerusalemm mil-Lvant biex jistaqsu għas-Sultan tal-Lhud, li kien għadu kemm twieled, ħalli jqimuh (ara Mt. 1, 1-2); li *“meta mbagħad daħlu d-dar u raw lit-tifel ma’ ommu Marija, inxte*ħtu fl-art iqimuh, fetħu t-teżori tagħhom u offrewlu b’rigali deheb, inċens u mirra”(Mt. 1, 11)

Fir-rokna tan-naħa t’isfel fuq il-lemin jidher San Ġużepp ħosbien. Jingħad li qiegħed jaħseb fuq il-misteru tal-Inkarnazzjoni, u kif Alla jagħżel li jsir bniedem minn xebba. Dan skont l-ikonografija jfisser li hu ma kellux x’jaqsam fil-konċepiment tat-tifel, biex juri wkoll aktar l-integrità ta’ Marija. Ma’ Ġużeppi jidher raġel xiħ bi lbies aħdar maħmuġ. Dan ix-xiħ jingħad li huwa s-simbolu tal-ħażen, b’mod partikolari tat-tentatur, li qed jipprova jdaħħal lil Ġużeppi f’dubju. Imma Alla huwa dejjem ġust. Tant hu hekk li wara li deherlu l-anġlu fil-ħolm biex jgħarrfu li dak li tnissel f’Marija ġej bil-ħidma tal-Ispirt s-Santu. “Ġużeppi għamel kif ordnalu l-anġlu ta*l-Mulej u ħa lil martu għandu*” ( Mt. 1, 20-24).

Fil-parti t’isfel in-naħa l-oħra jidhru żewġ nisa ħdejn banju qegħdin jaħslu lit-tarbija Ġesù. Il-banju għandu tifsiriet spiritwali u sagramentali. Dan ifakkar fil-fonti tal-magħmudija, li fih aħna għandna ħasil ġdid mill-ilma u mill-Ispirtu s-Santu. Dan il-ħasil ifakkarna lilna wkoll li aħna għandna sehem fil-ħajja l-ġdida ma’ Kristu. Hemm min jara fil-forma tal-banju l-forma ta’ kalċi ewkaristiku, li minnu jixxerred għalina u għall-bnedmin kollha d-demm għall-maħfra tad-dnubiet. Dawn is-sagramenti huma għalina lkoll l-għejun ta’ barka, grazzja, purifikazzjoni u salvazzjoni.

Jekk nidħlu aktar fil-fond fir-riflessjoni tagħna quddiem l-ikona nintebħu bir-rabta li hemm bejn il-misteru tal-inkarnazzjoni u dak tal-fidwa. Il-faxex li bihom hija mfisqija t-tarbija jfakkruna fil-faxex li bihom keffnu l-ġisem mejjet ta’ Ġesù. Dawn il-faxex huma ukoll sinjal tal-qawmien tiegħu, kif naqraw li Pietru u Ġwanni “*daħlu fil-qabar u raw il-faxex imma l-ġisem ta’ Ġesù ma kienx hemm ( Ġw. 20, 6)*

*O Alla li tista’ kollox, aħna mtlejna bid-dawl ġdid tal-Verb tiegħek magħmul bniedem. Agħmel, għalhekk, id-dawl tal-fidi, li qiegħed jiddi f’ruħna, ikun jidher ukoll fl-għemil tagħna. Ammen.*


MAYPOLE
since 1900
White
Sliced Bread
100% natural
No Preservatives
Wholemeal
Sliced Bread
100% natural
No Preservatives
Source of Fiber
MAYPOLE
White
Sliced Bread
MAYPOLE
Wholemeal
Sliced Bread
NO PRESERVATIVES
100% NATURAL
NO PRESERVATIVES
100% NATURAL
www.maypole.com.mt


NENU
THE ARTISAN
BAKER
Authentic
MALTESE RESTAURANT
143, St Dominic Str, Valletta, Malta
+356 22 581 535
www.nenuthebaker.com

# Il-Presepju - l-isbaħ ħaġa għal żmien il-Milied

**Joseph C Camilleri BA, DEAM, M.Ed (Pl & Mgt)**

Presepju d-dar kien fil-ħsieb ta' ħafna Maltin fi żmien il-Milied. Ommi[1] kienet tgħid li dar bla presepju fi żmien il-Milied hi dar vojta. Din l-ideja kienet aktar tinħass meta fis-snin ħamsinijiet is-siġra tal-Milied u x-xbieha tal-Bambin bdew jaqilgħu l-presepju 'l barra mid-djar ta' ħafna Maltin. Il-presepju għandu għeruq sodi fost il-poplu Malti.

L-ewwel  xaqq dawl dwar il-presepju f'Malta jmur lura fis-seklu 17. Il-patrijiet Dumnikani tal-kunvent tar-Rabat kellhom wieħed bejn, is-snin 1617 u 1618. Dawn il-patrijiet kienu żejnu l-knisja konventwali tagħhom b'lanterni tal-karta u lampi taż-żejt. Ma' dan it-tiżjin daħlu wkoll il-presepju.[2] Din l-Ordni ta' patrijiet taħdem ħafna għat-tixrid ta' devozzjoni lejn il-Madonna. Barra d-devozzjoni lejn ir-Rużarju, dawn il-patrijiet bdew jaħdmu għat-tixrid tad-devozzjoni lejn it-twelid ta' Sidna Ġesù. Din il-ħidma komplewha l-fratelli tal-fratellanzi tal-Madonna tar-Rużarju.

Lejn tmien is-seklu tmintax, il-presepju kien daħal sewwa fost il-Maltin tal-klassijiet għolja. Sirna nafu li wieħed Norveġiż – Thorvaldsen - kien Malta u kien kiteb rapport ta' dak li kien ra. Iż-żjara tiegħu kienet taħbat ma' jum il-Milied. Dan il-membru tal-kleru Norveġiż kien żar dar ta' wieħed mill-aqwa nies tal-Belt Valletta u ra l-presepju tiegħu.  Dan il-presepju kien fih rgħajja, nagħaġ, imtieħen, stilla u affarijiet oħra[3].



Kien il-patri Benedetto Papale (1836-1913), li għamel żmien hawn Malta, li għamel il-presepju popolari fost il-Maltin. Qabel is-sinjuri biss kellhom il-mezzi finanzjarji biex ikollhom presepju u sett ta' pasturi. Dan il-patri ħoloq presepju tipiku Sqalli u l-Maltin bdew jimxu fuq l-istess stil u ħolqu l-presepju Malti. Qabel dak iż-żmien xi knejjes bdew ikollhom il-presepju

1 Ommi Lorenza Camilleri, (xebba Bezzina) kienet minn Ħal Tarxien. Hi twieldet fl-1921 u mietet fl-2013. Meta kienet xebba l-presepju kien isir minn oħtha d-dar, waqt meta żżewġet il-presepju kompla jssir d-dar. Il-presepju kien jintrama kull sena. Il-kaxxa tal-pasturi kienet tintrafa' minn sena għall-oħra.
2 Fsadni M., Id-Dumnikani fir-Rabat u fil-Birgu sal-1620, Malta, 1974, p 268.
3 Sorensen S., Schirò J., (edituri), Malta 1796-1797, Thorvaldsen's visit (Malta0, 1996, p 59.

tagħhom. Il-Maltin aktarx daru fuq il-presepju tal-ġebel. Bil-mod il-mod bdew jidhru l-imtieħed tar-riħ, xi għorfa u razzett. Bid-dħul tal-faħam għall-baħrin tal-vapuri, f'Malta bdew jidhru presepji magħmula mill-gagazza. Dan il-materjal beda jagħti xejra naturali lill-presepju. Fl-1830ijiet ir-regolamenti dwar l-istampar ġew mibdula u ħafna karti bdew jiġru fl-idejn. Dan il-pass għamel l-użu tal-presepju tal-kartapesta komuni u popolari fost il-Maltin.

**Il-pasturi**

Qabel is-seklu 19, il-pasturi kienu jiġu impurtati u kienu jqumu ħafna flus. Mhux kulħadd kien kapaċi jqabbad xi artist biex jordnalu sett pasturi. Il-knejjes bdew ikollhom settijiet pasturi mgħotija lilhom minn xi benefattur. Għall-ewwel dawn il-presepji kien ikollhom il-figuri tal-Familja Mqaddsa u wara bdew jidhru xi karattri oħra, bħar-rgħajja, fil-presepju[4]. Kien żmien ukoll fejn l-imgħallmin tal-pasturi bdew idaħħlu l-forom tal-pasturi. Bil-mod il-mod bdew jidhru pasturi tat-tafal, magħmulha u miżbugħa minn dilettanti Maltin. Ħafna minn dawn id-dilettanti kienu jqattgħu ħin qabel il-festa tal-Maltin joħolqu pastur, wieħed wara l-ieħor. Xi pasturi kisbu fama fost id-dilettanti tal-presepju bħal l-Imgħaġġeb u l-par figuri għannejja magħrufa bħala x-xrik.

Fl-1870 fetaħ presepju mekkanizzat. Dan kien presepju kbir u kien sar minn wieħed Qormi, ċertu Antonio Muscat Fenech. Dan il-presepju kien fuq moħħ kulħadd li anke l-gvernatur u l-Isqof ta' dawk iż-żminijiet ħallew il-palazzi tagħhom biex jaslu wasla sa' Ħal Qormi u jaraw b'għajnejhom dan il-presepju.

**Wara t-tieni Gwerra Dinija**



Il-gwerra ġabet il-Maltin u s-suldati Ingliżi jiġġieldu flimkien kontra l-għadu Taljan u Ġermaniż. Dawn bdew jitkellmu kif jistgħu u bil-mod il-mod f'Malta bdew deħlin id-drawwiet tal-Ingliżi. Daħlu l-kartolini tal-Milied, daħlet is-siġra tal-Milied, daħlu x-xorb alkoħoliku bħal whisky, daħal il-kejk tal-frott magħruf bħala *Christmas Cake,* daħlet il-pudina u saret magħrufa bħala *Christmas pudding*. It-taħliet mal-Ingliżi ħolqu s-suflè. L-istrina marret lura u minflok flus daħlu r-rigali. Id-dundjan ħa post il-ħasi u l-qagħaq tal-għasel bdew jitnaqqsu minn fuq il-bankijiet tal-fran u ħwienet tal-merċa. Il-presepju sab kompetizzjoni bejn is-siġra tal-Milied u x-xbiehat tal-Bambini.

4 Lanfranco G., Drawwiet u tradizzjonijiet Maltin, Pietà 2001, pp195-196.

Il-gvern tas-snin ħamsin beda jdaħħal is-siġra taċ-ċipress fir-*roundabout* f'Malta u Għawdex. Fis-snin ħamsinijiet bdew jintramaw is-siġar kbar tal-Milied fejn kienu jsiru l-kunċerti tal-Milied b'korijiet li jkantaw l-innijiet tal-Milied. Il-gazzetti Maltin, l-aktar il-Berqa beda jkollha paġna ta' drawwiet Ingliżi ta' żmien il-Milied fil-ġranet ta' qabel il-Milied. Din il-paġna kien ikollha riċetti tal-kejk tal-Milied u tal-pudina tal-Milied. Kien hemm ukoll kif wieħed jipprepara l-ikla l-ġdida tal-Milied bid-dundjan. Id-dundjan sab ruħu mill-ġdid fuq il-mejda u aktarx kienu l-patrijiet Dumnikani li kienu minn ta' quddiem biex ineħħu l-ħasi u jdaħħlu dan l-għasfur 'ġdid' għall-Milied.

**Id-daqqa 'l isfel**

Il-presepju kien beda jmur lura. Xi membri tal-kleru ma qablux bid-dħul tas-siġra tal-Milied. Bdew jarawha bħala drawwa pagana. Kienet l-Azzjoni Kattolika li bdiet torganizza l-kompetizzjonijiet tal-isbaħ presepju. Dawn il-kompetizzjonijiet bdew isiru qabel tmiem tas-snin ħamsin. Fi snin is-sittinijiet daħal fix-xena qassis minn Ħal Lija bis-sensiela tal-presepju ħaj. Quddiem il-knisja parrokkjali ta' Ħal Lija kien hemm ġnien ta' waħda mid-djar nobbli Maltin, il-familja De Piro. Il-gvern kien ħa parti kbira tal-ġnien biex fetaħ triq ta' quddiem il-knisja tas-Salvatur. Is-sid ta din l-art biex iaqjjem il-kultura lejn il-presepju għaż-żmien il-Milied, kellem lil Dun Anton Ebejer u ż-żgħażagħ tal-Azzjoni Kattolika biex jagħmlu presepju ħaj, bil-pasturi jkunu tfal mlibsin bil-kostum tal-Palestina. In-nies minn Malta kollha ġew Ħal Lija biex jaraw dan il-presepju. Anke l-Gvernatur u l-Arċisqof marru jaraw dan il-presepju speċjali li kien ħoloq Dun Anton Ebejer u sħabu.



Il-presepju kien baqa' sejjer lura. Is-soċji tal-Mużew baqgħu jagħtu presepju, grotta jew qoffa żgħira bil-Bambin tax-xemgħa għal żmien il-Milied, iżda xorta waħda l-presepju sejjer lura. Kienu żewġ għaqdiet tal-presepju li taw spinta lill-presepju. Waħda minn dawn l-għaqdiet – Ħbieb tal-Presepju Għawdex Malta ġiet imwaqfa fl-1985 mis-sur Joe Galea u sena wara Malta kellha l-għaqda tagħha. Nies bħal Austin Galea, Guido Lanfranco u oħrajn neħħew il-ġkieket u meddew għonqhom biex għallmu liż-żgħar kif jagħmlu presepju.

**Il-presepju għadu ħaj**

Id-dimostrazzjoni tal-Bambin f'lejlet il-Milied inbidlet f'San Lawrenz Għawdex u saret mixja tal-'pasturi' lejn il-pjazza tar-raħal fejn quddiem il-knisja jiġi ffurmat

il-presepju ħaj. Fin-Nadur id-dimostrazzjoni tal-Bambin saret pageant tal-Milied bil-karattri ewlenin tal-presepju jimxi flimkien mas-soċji u tfal tad-duttrina. Xi postijiet id-dimostrazzjoni tal-Bambin daħlet xi bandisti li jinġabru biex idoqqu innijiet tal-Milied flimkien mat-tfal tad-Duttrina. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija l-presepju makkanizzat fil-monasterju tas-sorijiet ta' Ġesù Nazzarenu fiż-Żejtun ġibed mijiet ta' familji biex jaraw dan is-seħer maġiku ta' presepju. L-ideja ta' dan il-presepju kienet tal-Isqof Emmanuele Galea[5].

Illum naraw żewġ wirjiet tal-presepji kull sena, waħda f'Għawdex u oħra f'Malta. Ħafna presepji bdew jintramaw fil-knejjes. Waħda minn dawn il-knejjes hu l-katidral tal-Imdina, dak ta' San Pawl, il-knisja tal-arċisqof ta' Malta. Hawn jintrama presepju tal-istil Naplitan. Kien Dun Edgar Vella, qassis mill-Imġarr li rawwem fost il-Maltin is-sbuħija tal-presepju Naplitan. Fl-Għajnsielem isir kull sena l-presepju ħaj. Parti mir-raħal jinbidel u jsir raħal tipiku Palestinjan, fejn l-annimali u l-persunaġġi jitħalltu u jsir presepju kbir. Il-quċċata ta' dan il-presepju hija l-wasla tal-Maġi.

Jekk tmur Strada Rjali l-Ħamrun tara ħafna presepji għall-bejgħ fuq il-bankini quddiem il-ħwienet li jbiegħu l-pasturi u l-oġġetti sagri. Illum għandna l-imgħallmin tal-pasturi. Nies bħal Lorenzo Farrugia u Gauci magħruf bħala Disma ħolqu pasturi biex iżejnu l-presepji ta' ħafna dilettanti.

Presepju bil-pasturi mhux biżżejjed. Hemm il-bżonn tal-ġulbiena. Xi wħud ikabbru l-qamħ u oħrajn idaħħlu l-iskalora. Xi Maltin jiżirgħu dawn iż-żerriegħa f'nhar Santa Katarina. Ħafna Żrieraq u Żwieten idħallu ftti ħin biex minn lejlet Santa Katarina jxarbu ż-żerriegħa fl-ilma ħalli l-qoxra tirtab. Oħrajn jiżirgħuha nhar il-Kunċizzjoni. Il-Bormliżi kollha kienu jagħmlu hekk f'jum il-festa parrokkjali tagħhom. Din iż-żerriegħa titpoġġa fuq tajjar u għad-dlam. Xi kultant tissaqqa' u f'lejlet il-Milied jitpoġġa madwar il-presepju. Hekk tkun sabiħa bajda karti. Din iż-żerriegħa kollha titlesta biex tiġi offruta lil Ġesù Tarbija f'jum it-twelid tiegħu. Għal xi wħud din hija drawwa li ġejja minn żmien l-antik, marbuta mal-qima ta' Adonis. Imma din id-drawwa hija turija tal-imħabba lejn Ġesù. Il-Malti tgħallem joffri mhux fjuri biss għall-Milied iżda xi ħaġa marbuta mal-biedja, bajda daqs il-purità tal-qalb, friska daqs il-moħħ u tikontempla dwar Ġesù, mwieled minn Omm Verġni. Ġie fid-dinja biex il-bniedem ikun salvat mid-dnub, grazzi għall-imħabba ta' Alla, permezz tal-Inkarnazzjoni t'Ibnu.

5 Galea j., Il-Presepju, Ghaqda ħbieb tal-presepju. Nru 1, Diċembru 1987 p 10.

# *Il-Meditazzjoni tar-Ragħajja*

**Minn Marion Higgins debono**

Hekk ġara kif qallhom l-Anġlu, sa l-aħħar dettal-L-Istalla, l-maxtura, il-biċċiet tad-drapp. Fuq kollox it-tarbija, mitluqa f'hena liema bħala. Ommu, kemm xejn għajjiena ma' żewġha fil-qrib. Mhux ta' min jinsa' l-ħarsa f'għajnejhom- bħal kull ġenitur ferħ, eċitament, serħan u bl-akbar reverenza għal dak li seħħ. Hekk kif ir-rgħajja waslu ħdejhom biex iqimuĦ, jaraw u jaqsmu ma' dan il-ferħ. Illi ħassu u raw! Aħna minn naħa tagħna, nifhmu l-għala dan kollu, għaliex huma kienu jafu minn qabel mat-tħabbira tal-anġlu, li dik it-tarbija hija mibgħuta minn Alla nnifsu. Il-Messija imwiegħed....is-Salvatur tad-dinja.

Ma kienx hemm għal xhiex tiddubita jew tistaqsi. Aktar ma raw u aktar ma semgħu, ġew ħerqana dawn ir-rgħajja bil-qima kollha għal tama ġdid f'ħajjithom biex jemmnu bis-sħieħ. Telqu b'kant ta' tifħir u mħabba f'qalbhom- għax hekk kien xieraq.



# *Is-Siġra ta' Jesse*

**Minn Jessie Chircop**



Is-siġra ta' Ġesse turi l-arblu tar-razza ta' Ġesù skont il-profezija ta' Isaia 11.1 fejn tgħid "*Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġesse-għad tinbet rimja minn għeruqa*". Matul l-Avvent nisimgħu dwar l-antenati ta' Ġesù waqt il-qari tal-quddiesa. Niftakar f'din il-profezija fl-Epistola li San Pawl kiteb lir-Rumani Kap 15, v 4-13, fejn tgħid kif bit-tagħlim tal-Iskritura aħna jkollna t-tama f'Alla. "Alla li minnu ġej kull sabar u faraġ, u jagħtikom il-grazzja." Tkompli tgħid biex inkunu fehma waħda bejnietna skont Kristu Ġesù.

L-arblu tar-razza rjali ta'Ġesù ġej minn żmien il-qedem. Il-faċċata tal-punent tal-Katidral ta' Chartres li jmur lura sas-sena 1150. Dan il-katidral għandu tieqa tal-"*istained glass*" li turi is-Siġra ta' Ġesse. Hemm żewġ verzjonijiet waħda li tibda minn Ġesse u tispiċċa f'Ġesù u l-oħra li tibda minn ferm qabel fejn jissema Ġesse, David, Salamun u l-kumplament.

F'manuskritt Ġermaniż insibu li dan juri biss sitt elementi fis-Siġra ta' Ġesse: żewġ profeti li għandhom f' idejhom parċmini b'kitba li tirrigwarda lil Ġesù u ommu Marija, żewġ profeti oħra bil-parċmini iżda bla kitba xejn fuqhom u fuq nett il-Verġni Marija żomm il-Ġesù f' idejha.

Dawn is-siġar ta' Ġesse juruna il-ġabra ta' l-istorja tal-bniedem sa mill-bidu ta' Adam u Eva.

F'ħafna pajjizi t-tradizzjoni li jarmaw is-siġra ta' Ġesse hija qawwija ħafna. Dan għaliex għalkemm ikollhom is-siġra tal-Milied, is-sġra ta' Ġesse tfakkrek fil-Bibbja u l-istorja tal-miġja ta' Ġesù fid-dinja. Din is-siġra tiżżejjen b'personaġġi bibbliċi. Kull ġurnata mill-ewwel ta' Diċembru sal-24 jum tiegħu jiddendel personaġġ. Kif jiġri dejjem dawn is-simboli jistgħu jiġu maħduma bil-crochet, tal-injam-bl-arkett, mid-drapp fejn dawn jiġu maqtugħin u meħjuta fuq ċrieki tal-kartun biex izommu dritti. Din tku attivita tal-familja kollha u t-tħejjieja għal din is-siġra tibda fem qabel ma jibda jinħass l-ispirtu tal-Milied.

Xi familji jżidu simbolu kuljum fl-24 jum qabel il-Milied. Hawn min jimxi mal-profeziji tat-Testment il-qadim u oħrajn l-aktar li jagħtu kas hu tal-istorja tal-bniedem – sa mill bidu tal-ħolqien. Il-qofol tas-siġra jkun Ġesù.

Dawn huma ftit suġġerimenti kif wieħed jagħmel is-simboli biex jiddendlu mas-Siġra ta' Jesse.

| **Data** | **Personaġġ** | **Simbolu** |
|---|---|---|
| 1 ta' Diċembru | Melchisedech | Raġel joffri il-ħobż u l-inbid |
| 2 ta' Diċembru | Abram | Raġel iżomm sikkina f'idu |
| 3 ta' Diċembru | Isaac | Tfajjel lest għas-sagrifiċċju fuq artal |
| 4 ta' Diċembru | Jacob | Raġel joħlom b'sellum tiela il-ġenna |
| 5 ta' Diċembru | Mosè | Raġel iżomm it-twavel tal-kmandamenti |
| 6 ta' Diċembru | Isaias | Raġel maqtul b'serieq |
| 7 ta' Diċembru | Ġesse | Raġel b'siġra ħdejh jew maġenbu |
| 8 ta' Diċembru | David | Raġel id-doqq l-arpa |
| 9 ta' Diċembru | Eżekel | Raġel li kellu viżjoni ta' l-erba' annimali li jassoċjawhom ma' l-Evanġelisti |
| 10 ta' Diċembru | Daniel | Raġel qalb l-iljuni |
| 11 ta' Diċembru | Jeremija | Raġel iżomm parċmina |
| 12 ta' Diċembru | Malakija | L-ewkaristija u l-inċens |
| 13 ta' Diċembru | Cumean Sybilla | Mara mdawra bil weraq |
| 14 ta' Diċembru | Eritian Sybilla | Mara żomm parċmina jew titeb fuq il-weraq |
| 15 ta' Diċembru | Triburtine Sybilla | Mara żomm ktieb jew titkellem ma Augustu fuq dak li ġej |
| 16 ta' Diċembru | San Ġwann Batista | Ġurati, għasel jew salib irqieq |
| 17 ta' Diċembru | Kristu bħala għerf | Lampa taż-żejt |
| 18 ta' Diċembru | Kristu żagħżugħ sabiħ | Kuruna |
| 19 ta' Diċembru | Kristu l-għerq ta' Ġesse | Fjura |
| 20 ta' Diċembru | Kristu ċavetta ta' David | Ċavetta |
| 21 ta' Diċembru | Kristu tlugħ mill-Lvant | Xemx tiegħla |
| 22 ta' Diċembru | Kristu Sultan | Xettru |
| 23 ta' Diċembru | Kristu Emmanuel | Kalċi u Ostja |
| 24 ta' Diċembru | It-Twelid | Il-Madonna żżomm it-tarbija Ġesù bl-istilla ta' Betlem fuq rashom |

# *Kien jgħix il-Milied fl-istennija u l-ferħ... Patri Piju*



Patri Piju kien jiċċelebra l-Milied bl-akbar ferħ. Kemm kien kuntent! Fl-aħħar Lezzjoni ta' l-Uffiċju Divin li jintona t-*Te Deum* ta' ringrazzjament, wiċċu kien jixgħel bil-ferħ meta kien ilissen it-tħabbira ferrieħa tal-Prologu ta' San Gwann- "U l-Iben t'Alla sar Bniedem u ġie jgħammar fostna". U x'ferħ kien iħoss meta kien iġorr il-Bambin Tarbija f'dirgħajh f'purċissjoni mill-kor għall-artal maġġur, u mill-artal għall-presepju. Patri Piju kien jixtieq li l-presepju jintrama ħdejn il-konfessjonarju tiegħu ħalli jkun jistà jammira mill-qrib lill-Bambin ta' Betlem.

Il-ferħ kont taqrah minn fuq għajnejh, ferħ ħiereġ mill-pori kollha ta' ġismu mkebbes b'imħabba kbira lejn it-Tarbija Divina. Deskrizzjoni miktuba minnu fil-Milied tas-sena 1917 tgħid hekk: "Kienet il-ġurnata tat-28 ta' Diċenbru- (hekk kiteb lid-Direttur Spiritwali tiegħu), il-Bambin tas-sema jippermetti li tħoss f'qalbek dawk l-emozzjonijiet qaddisa li Hu ppermettieli nħoss jien f'dak il-lejl Qaddis Tiegħu meta ġie mqiegħed f'maxtura fqira. O Missier Spiritwali tiegħi, m'iniex kapaċi nfissirlek dak kollu li ħassejt f'qalbi fil-Lejl Qaddis tal-Bambin. Ħassejt qalbi taqbad minn imħabba qaddisa lejn Alla magħmul bniedem. Il-lejl ta' l-Ispirtu tawwal mhux ħażin fost id-dlamijiet li nġarrab, hekk li kkawżali indiġestjoni spiritwali." (Epist 1-981).

Patri Piju kien jgħix il-Milied fl-istennija u l-ferħ. Ma ninsewx dak li kien tenna l-filosfu Daniż Soren Kirkegaard dwar il-Milied: "Iż-żewġ dinjiet li minn dejjem huma separati-id-divin u l-uman- daħlu fi Kristu, u daħlu mhux niex jiġġieldu, iżda għall-kuntrarju, għal tgħanniqa ħelwa." Mela, ja Nisrani sejjaħ mill-ġdid din it-tgħanniqa u ifraħ u erġa ifraħ biha!

Jekk tħobb ir-rikezzi, quddiem il-grotta tat-tifel Bambin, għandek issib id-deheb li ħallew is-Slaten Maġi.

Jekk tħobb id-duħħan u l-unuri, hemmhekk għandek issib id-duħħan ta' l-inċens, u jekk tħobb id-delikatezza tas-sensi, hemmhekk, quddiem il-grotta mbierka,



għandek issib il-mirra li tfewwaħ l-għar kollu.

L-akbar emozzjonijiet ta' Patri Piju kienu t-tifkiriet ta' tfulitu li l-presepju kien iġib miegħu. Quddiem din ix-xena Patri Piju kien jinsa kollox u joqgħod josserva kull rokna u kull dettall għal sigħat sħsħ. F'dawk il-mumenti kien jerġa' lura bi ħsibijietu għal żmien tfulitu fi Pietrelcina. F'dawn iż-żminijiet Patri Piu kien iħobb jirrakkonta lill-patrijiet sħabu u anki lill-abbatini dwar id-drawwiet tal-Milied ta' żmien tfulitu. Iċ-ċkejken Francesco Forgone (iktar il-quddiem Ptri Piju), kellu ħila kbira li jimmudella l-pasturi tal-presepju mit-tafal, xogħol li kien jagħmlu b'reqqa kbira. Biex idawwal it-trejqa li kienu jgħaddu minnha l-pasturi biex jaslu ħdejn il-grotta Patri Piju kien jimla qxur tl-bebbyx biż-żejt u jpoġġi tapp żgħir tas-sufra jaqbad fil-wiċċ. Dawn kienu ukoll id-dawl żgħir fil-presepju ta' Patri Piju, li kienu jdawlu d-djar magħmulin mill-qxur tas-siġar.

Giacome Re jirrakkonta li l-isbaħ Milied ta' ħajtu kien dak ta' l-1958, meta għaddieh f'San Giovanni Rotondo, ħdejn Patri Piju. Dakinhar mhux biss kellu ċ-ċans li jbuslu idejh kemm-il darba, iżda li għal darbtejn xamm riħa tfuħ li ħarġet u daret madwar il-Patri qaddis. Isemmi fost l-oħrajn, li qatt ma jinsa lil Patri Piju akkompanjat minn żewġ djakni, jġorr b'devozzjoni kbira l-istatwa tal-Bambin Ġesù f'purċissjoni, sakemm poġġieh fuq it-tron inħejji għaliH fuq it-tabernaklu.

Dan Giacomo talab li fil-mument ta' dwejjaq u disperazzjoni tiegħu, meta l-ħajja tirrendih bħala annimal, jixtieq jiftakar f'din l-esperjenza ta' l-isbaħ Milied li għadda f'ħajtu ma' Patri Piju, li kien iħobb itenni li "Ġesù ġie fid-dinja biex isalva l-midinbin! Għandna nħossuna grati lejn Ommna Marija li tatna dan ir-rigal tassew sabiħ lil Ġesù Bambin"


PJAZZA REĠINA
VALLETTA
Everybody's Centrepiece
DELICATA
Family Winemaker
Since 1907
WWW.DELICATA.COM
/DELICATA WINERY

# Riflessjonijiet fuq il-Madonna

**Minn Don Alessandro Pronzato**



Marija kienet mir-razza tal-V.I.P.s?
Min huma l-V.I.P.s?
Il-V.I.P.s huma "*Very Important Persons*"
Il-V.I.P.s huma nies importanti ħafna- nies ta' ċertu prestiġju minħabba l-pożizzjoni jew poter tagħhom.
Il-V.I.P.s għandhom *first preference* f'kollox: għandhom ħafna privileġġi;

- Minn ta' l-ewwel fir-riċevimenti;
- Igawdu l-preċedenza f'kollox
- Għandhom sala riżervata fl-ajruport
- Ma joqogħdux fil-kju bħall-bqija tal-bnedmin;
- Igawdu dejjem trattament speċjali.

Mistoqsija: Marija ta' Nażaret kienet mir-razza tal-V.I.P.s? U Ġużeppi l-għarus tagħha?
Tweġiba:

1. F'betlem ma jidhirx li fil-lukanda kellhom xi "kamra riżervata"
2. Fil-vjaġġ lejn l-Eġittu (li kien ħarba, mhux xi vjaġġ turistiku) ma jidhirx li kellhom xi trattament speċjali.

Anzi nemmen li l-Madonna vvintat klassi ġdida ta' nies: N.I.P.s jiġifieri: **Not Important Perons.**

➢ Fuq il-karta tal-identita tagħha San Luqa jgħidilna li kellha mniżżla l-kelma "qaddejja"

➢ Kienet, iva minn ta' l-ewwel. Aqtgħu fiex? Minn ta' l-ewwel biex tgħid "Iva" għal biċċa xogħol.

➢ Marija kienet taf li Alla jħares bi preferenza lejn dawk li huma N.I.P.s jiġifieri nies ta' bla ebda importanza. "Ħares lejn iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu" (Lq.1,48).

Iva, jaqbel li nbiddlu l-istatus tagħna. Minflok ma nkunu nies importanti ħafna(V.I.P.s) jeħtieġ li nsiru nies umli ħafna (N.I.P.s). Biex insiru umli ħafna, l-aħjar li mmorru fl-iskola ta' Marija għax hi esperta f'dal-qasam.
Marija tgħallimna dawn il-lezzjonijiet:

a. Skiet
b. Ħajja moħbija
c. Modestja
d. Umiltà
e. Sempliċita
f. Prudenza

Mulej, fuq l-eżempju ta' Marija, għinni nifhem li wieħed jidħol fis-saltna tiegħek billi jsir bniedem ta' l-ebda importanza jiġifieri billi jsir bniedem umli.

# *X'inhi disputa?*

**Minn Oliver Friggieri**

Xi ħadd minna kien jingħażel biex jagħmel il-priedka tal-Milied, fil-Mużew jew fil-knisja. Konna nistagħġbu nisimgħu lil seħibna jiftakar kollox bl-amment, itellà u jniżżel ħarstu u idejh, u jixħet il-frażijiet bil-Latin qisu m'hux hu.

"Int, Friggieri, wara l-lezzjoni ejja ħa nkellmek," qalli s-Superjur tiegħi xi darba għall-ħabta ta' Novembru. Qalbi għamlet tikk, ma stajtx nobsor x'ried jgħidli, u lezzjoni damet seklu biex għaddiet.
"Irridek tagħmel id-disputa tal-Milied," qalli.
"Id-disputa x'inhi?" għedtlu wara li għamilt il-kuraġġ.
"Id-disputa. Ikun hemm inti u tifel ieħor u tagħmlu diskors li fih twieġbu lil xulxin. Issa nagħtikom il-kliem u titgħallmuh bl-amment, u mbagħad tgħiduh fil-festa li nagħmlu lejlet il-Milied quddiem il-bieb tal-Mużew, kif tintemm il-purċissjoni bil-Bambin."
"Kollox sew," għedtlu kontra qalbi, imbeżża'. Ma stajtx nifhem kif minn tant tfal kien ftakar fija, meta seta' ntebaħ li jien kont mistħi ħafna. Disputa-mela, sirt naf li teżisti disputa. U din id-disputa kelli nagħmilha jien, bis-sehem ta' xi wieħed minn sħabi. Quddiem ħafna nies.

Għedt lil ommi u lil missieri u ferħu ħafna. Ma ridtx nurihom li kelli weġgħa kbira fl-istonku u ma kontx nara s-siegħa u l-mument li din l-imbierka disputa tfittex tgħaddi b'wiċċ il-ġid. Stħajjilt folla kbira tħares lejja, fi triq mimlija dawl, u jien fil-għoli nitkellem u nitkellem, bla ma nista' naqbeż biċċa jew nagħmel żball, u nistenna li nfittex nasal fit-tmiem u ninżel f'posti, għall-kwiet bħal qabel. Malli saru jafu, sħabi ferħuli u f'qalbi għedt li mank ingħażel wieħed minnhom, ilkoll fuq ruħhom, bla ma jistħu jew jiħamru għal kull ħaġa ta' xejn.

Kieku qalli biex niktiblu poeżija fuq il-Milied u jitla' jaqraha hu jew xi ħadd, kieku kont nieħu pjaċir, ħsibt waħdi. Imma disputa, hekk, quddiem dik il-folla kollha?

Għamilt il-qalb, wara jiem sħaħ intella' u nniżżel waħdi, u tlabt lis-Superjur biex inkellmu.
"X nqala'?" qali
"Tgħallimtha d-disputa?"
"Superjur, ma nixtieqx nagħmilha."
"Ma tagħmilhiex?"
"Nistħi."
"Tistħi minn xiex? Isa, isa agħmel kuraġġ, mur u ibda studjha, u tinsiex li ma

tantx fadal żmien.  Trid tkun tafha fuq ponot subgħajk."

L-istorja waqfet hemm.

Kienu waslu biex idoqqu s-sitta u nofs, lejlet il-Milied.  Il-Mużew kien mimli fanali u tabelli bi kliem Bibliku minqux fl-injam u jixegħlu bix-xema' minn ġewwa.  It-tfal sħabi kienu bil-pika brjniethom min ser jerfa'.  Fil-bitħa kien hemm l-istatwa tal-Bambin, fuq bradella, imdawra bil-qamħ u bil-ġulbiena.



Ħriġna mill-Mużew bl-ordni, kulħadd imqassam f'purċissjoni, bit-tfal u bis-soċji kollha u fl-aħħarnett is-Superjur il-Kbir u ta' madwaru. Xi ħadd kien tela' jdoqq il-qanpiena li kellna fuq it-turretta, tokk umli wieħed li ma jaqta' xejn għal kemm -il darba.

In-nies inġabru f'ringieli fuq il-bankini, fosthom il-ġenituri tagħna, moħħom li jilmhuna u jaraw x'importanza konna ngħatajna f'dik id-dawra mat-toroq.

Minn waqt għal ieħor xi ħadd kien jintona innu, u aħna lkoll konna nkomplu miegħu.  Kull kantuniera nieqfu u nkantaw in-'Nini la Tibkix iżjed'. F'qalbi ħsibt li aħjar na nkantax wiaq, u nibża' għall-vuċi.  Moħħi kien biss fid-disputa li kienet għadha ġejja.  Mank bdejna biha, biex inkun ħlistha!

Kienet lejla ta' kesħa xxoq il-għadam, niftakar sewwa, iżda t-triq tal-Mużew kienet diġa'! maħnuqa bin-nies.

Alla magħna!" għidt
Malli wasalna l-purċissjoni nħallet fix-xejn, il-fanali u tabelli ddaħħlu ġewwa, jistennew Milied ieħor, u l-Bambin tqiegħed fuq mejda għolja fin-nofs.
Issa meta ngħidlek, ejja u itla' fuq il-kaxxa tal-birra li se jkun hemm apposta, biswit il-Bambin," qalli s-Superjur malli beda l-programm.  Sieħbi kien ħdejja iżda ma kellix ħsiebu, u ma nafx għedtlux kelma.  Issa li kellna ngħidu konna se ngħiduh fid-disputa biex jismagħna kulħadd.
Tkantaw l-innijiet, sat diskors mis-Superjur il-Kbir u wasal il-mument tal-verita'.
"Hemm, ara, mur itla' fuq il-kaxxa.  Issa intom imiss," qalli s-Superjur u temm l-istess ordni lil sieħbi.

Tlajna t-tnejn fil-għoli, kull wieħed fuq kaxxa għalih, u bil-kemm ma waqajtx. Kont illi nitlob sigħat sħaħ u talbi nstema', żammejt il-bilanċ u bdejt. Kienet speċi ta' taħdita bejn żewġ rgħajja li saru jafu bit-twelid tal-Bambin. Naħseb li, bħall-priedka tal-Milied, kien ikun kitibha xi wieħed mis-Superjuri. Bdejt jien, u minn taħt ħarist lejn sieħbi biex ifittex jibda hu wkoll, u bqajna sejrin hekk sakemm il-Bambin ried li wasalna sat-tmiem bis-sliem.

Għaddejt il-ħin kollu tad-disputa nħares lejn tarf gallerija mgħottija li tiġi sewwasew quddiem il-bieb tal-mużew, u la rajt nies u lanqas xejn. Malli spiċċajna għedna flimkien 'Viva Ġesù Bambin!' u n-nies ta' rieda tajba tawna ċapċipa. Baxxejt rasi u fittixt li nsib posti moħbi qalb l-oħrajn.

"Qed tara kif kollox mar tajjeb? Lanqas ħaqq kemm bżajt!" qalli s-Superjur.
"Ara ma tmurx terġa' tiftakar fija għal xi ħaġa bħal din" gemgimtlu f'qalbi.
Il-biżgħa li nintilef fit-triq bejn il-Mużew u d-dar, redikola kemm hi redikola, trabbiet miegħi, u mhux miegħi biss, u domt żmien twil biex għelibtha. Mhux minn ommi naqas fid-darbtejn li ntlift. Hi kienet tkun dejjem fil-kantuniera tistennieni.
"Bravu," qaltli, "kemm mort tajjeb! Kemm tkellimt ċar u m'għaġġiltx u ħtaftx il-kliem." Dan kien kliem li maż-żmien ommi baqgħet dejjem tgħiduli bħala parir: tgħaġġilx, taħtafx il-kliem.
"Fejn hu l-papa'?"
"Issa tela' d-dar, qiegħed jistenniena. Nieklu xi ħaġa u mbagħad norqdu ftit u noħorġu għall-quddiesa ta' nofs il-lejl."

Silta mil-ktieb ta' Oliver Friggieri.... 'Fjuri li ma Jinxfux' – (Tifkiriet 1955-1990)



# *Tagħrif fuq in-Nattivita' eżebita fil-Mużew ta' Glencairn Il-Bambin u l-maxtura*

**Minn Frans Chircop**

L-enfasi tan-Nattivita' hija l-Bambin ma' Marija, Ġużeppi, annimali, rgħajja u għorrief. Dawn kollha għandhom rwoli sekondarji. L-aktar rakkont dettaljat tat-twelid ta' Ġesù, jinsab fil-vanġelu ta' San Luqa (2: 7), li jirrakkonta kif Marija "welldet lit-tarbija tagħha u geżwret lit-tarbija, u poġġietu f'maxtura, għax ma kien hemm l-ebda post għalihom fil-lukanda. "Fl-arti bikrija Kristjana turi lit-tarbija Ġesù f'dawn il-ċraret mċerċra – ġeneralment kienet tkun biċċa kwadra ta' drapp jixbħu l-faxex. F' Nativitajiet Medjevali u tar-Rinaxximent, madankollu, it-tarbija ta 'spiss tintwera bi ftit jew mingħajr ħwejjeġ, u ttirradixxi dawl supernaturali. Dan huwa konsistenti mal-viżjoni mistika ta' Santa Birgita ta' l-Isvezja (1303-73), li allegat li rat "it-tarbija glorjuża li kienet tinstab ma' l-art, għarwiena u tarmi dawl qawwi. Ir-Rivelazzjonijiet ċelesti ta' Santa Brigita, li ġew mill-Isvediż għall-Latin u mifruxa madwar l-Ewropa, fihom rakkont dettaljat tal-viżjoni tagħha tan-Nattivita'. Il-biċċa l-kbira tan-Nativitajiet moderni jew juru xbieha ta' Kristu mgeżwra f'biċċiet tal-ħrieqi jew f'bċejjeċ ta' drapp mtaqqba.



Parti minn Presepju Naplitjan magħmul minn Giuseppe Ferrigno. Napli, l-Italja, 2007. Dan il-presepju huwa x-xogħol tal-*bottega* ta' Giuseppe u Marco Ferrigno, negozju tal-familja ta' raba' ġenerazzjoni. L-uċuħ, l-idejn, u saqajn tal-figuri huma magħmulin minn terrakotta, li mbagħad tiġi miżbugħa. Partijiet oħra tal-ġisem huma mibnija b'wajer imgeżwer b'ċarruta sabiex kull figura tista' tiġi mfassla f'pożizzjonijiet differenti. L-ilbies għal kull karattru huwa magħmul bl-idejn fl-istil tas-seklu tmintax. Il-familja Ferrigno bdiet tagħmel presepji f'Napli fl-1836. Din il-parti tal-presepju hija fil-kollezzjoni tal-Mużew ta' Glencairn. Dan kien rigal ta' William L. Starck u Adolph P. Falcón.

Il-maxtura hija ħawt għall-għalf tal-annimali. Fi żminijiet bibbliċi, l-imxatar kienu essenzjalment kaxxi, jew minquxin mill-ġebla jew mibnija mill-ġebel. Madanakollu, n-Nativitajiet tridimensjonali moderni juru varjetà wiesgħa ta' stili tal-imxatar, skont id-drawwiet reġjonali jew il-preferenza tal-artiġjan. Il-maxtura

spiss tkun magħmula mill-injam, mimli b'ħuxlief, u mqiegħda fuq l-art b'mod stabbli. Madankollu, f'Laos il-maxtura hija minsuġa mill-qasab u mdendla f'xi rokna maqtugħa mill-art sabiex il-benniena tkun titbandal.



F'Hmong, f'Laos, pajjiż fix-Xlokk tal-Asja l-maxtura tal-Bambin hija magħmula mill-injam, bambù, u ħaxix, hija replika ta' dar tradizzjonali ta' Hmong. Marija u Ġużepp jassistu lil-Bambin, bil-moda tradizzjonali ta' Hmong....imdendel fil-qoffa tat-tiben minsuġa sospiż mis-saqaf. Il-Hmong, grupp etniku fir-reġjuni muntanjużi ta' diversi pajjiżi differenti, huwa grupp ta' minoranza fi ħdan il-Laos. Ġew introdotti għall-Kristjaneżmu minn missjunarji li bdew iżuruhom fis-seklu 19. Il-personaġġi għal din in-Nativitá huma minquxin minn injam artab lokali, iżda ma jinħadmux matul l-istaġun tax-xita, meta l-injam ikun imxarrab wisq. ( tinstab fil-Kollezzjoni tal-Mużew ta' Glencair)

**Stalla jew Għar?**

Fl-għanja tradizzjonali tal-Milied "*The Friendly Beasts*", jgħidilna li Ġesù " kien imwieled ġo stalla fqajra, u l-annimali ferjali kienu madwaru." Waqt li t-Testment il-Ġdid qatt ma jsemmi stallel, Luqa (2: 7) jirrakkonta kif Marija "poġġietu f'maxtura, għax ma kien hemm l-ebda post għalihom." L-ewwel Insara kienu sabu l-maxtura ġo għar. Il-Knisja tan-Nativitá, li tmur lura għas-seklu 4, inbniet fuq il-grotta f'Betlem fejn kien maħsub li seħħ it-twelid. L-Evanġelju tal-Infanzja ta' James (kapitlu 18) ipoġġi wkoll in-Nativitá f'għar, iżda l-Evanġelju ta' Pseudo-Mattew jgħaqqad iż-żewġ ġrajjiet, u spjega li fit-tielet jum wara t-twelid "Marija marret barra mill-grotta u poġġiet lit-tifel fil-maxtura "



Din l-istampa hija, "*Pop-up* tal-Milied", li kienet bdiet toħroġ fl-Istati Uniti, kmieni fl-1940s. Din ix-xena tan-nativita magħmula mill-kartun (*Pop up*) ġiet ippubblikata mill-Concordia Publishing House mill-illustrazzjonijiet magħmula għall-ewwel darba mill-artist George Hinke. Din kienet ġiet pprovduta b'support speċjali biex iżommu 17-il figura litografija wieqfa; support hija markata bir-reqqa sabiex anke tifel żgħir jkun jista' jgħaqqadha. Hinke twieled fl-1883 f'Berlin, il-Ġermanja, fejn kien imħarreġ bħala pittur. Huwa emigra lejn l-Istati Uniti fl-1923. Hinke speċjalizzat f'suġġetti reliġjużi u xeni nostalġiċi tal-ħajja Amerikana ta' belt żgħira. Huwa l-aktar mfakkar għall-illustrazzjonijiet tiegħu tal-kotba tat-tfal bħal Stejjer ta' Ġużeppi, li

jgħidlek l-istorja tan-Nativitá min naħa ta' Ġużeppi, u San Nikola. Din tinstab fil-kollezzjoni tal-Mużew ta' Glencairn..



Fl-arti bikrija Nisranija l-grotta kienet fiċ-ċentru tal-presepju. L-ikoni tal-Lvant juru lit-tarbija Ġesù għadu jitwieled fil-bokka tal-għar profond. Dan kien jissimbolizza li Ġesu jinżel fil-fond ta' qalb il-bniedem. Fl-Ewropa tal-Punent l-istalla kienet dejjem tieħu post l-għar.Waqt dawk li jfasslu n-Nativitajiet fl-Italja jippreferu l-grotta (kostruzzjoni artifiċjali jew skavar magħmul biex jixbah lill-grotta). Fil-pitturi tar-Rinaxximent Taljan, fl-arkitettura kienet turi t-tmiem tal-Imperu Ruman. Kultant kienet tidher fl-isfond ta' Nativitá biex tindika li, minħabba t-twelid ta' Kristu, l-kultura pagana qadima issa bdiet titmermer. It-tradizzjoni li tinkludi l-fdalijiet klassiċi fix-xena ġiet aktar enfasizzata fil-presepji Naplitani.
L-arkitettura kultant ġiet użata fl-isfond ta' xena tan-Nativitá biex tissimbolizza l-waqgħa tal-ordni antik (paganeżmu). Fi ħdan it-tempju mwaqqa' hemm il-Familja Mqaddsa, li tirrapreżenta t-twelid tat-testment il-ġdid (Kristjaneżmu). Dan jinsab tal-Mużew ta' Glencairn, rigal ta' Rita Bonaccorsi Bocher.

**Il-Gendus u l-Ħmara**
Il-kanzunetta tal-Milied *Good Christian Men Rejoice* tgħid li "l-gendus u ħmar baxxew rashom quddiemu, u issa sar l-ikel tagħhom." Kristu twieled illum. "L-gendus u l-ħmar, qatt ma jissemmew fit-Testment il-Ġdid, għalkemm huma kważi dejjem preżenti fin-Nativita, ħafna drabi b-rashom baxxuta fuq il-maxtura. Fil-vanġelu Pseudu-Mattew (14: 1), jinterpretahom bħala t-twettiq tal-profezija tat-Testment il-Qadim. Skond Pseudo-Mattew, wara li Marija daħlet fl-istalla poġġiet lit-tifel f'maxtura u "l-gendus u l-ħmar adorawĦ. Imbagħad twettaq dak li kien qal l-profeta Isaija, "L-gendus jaf lis-sid tiegħu, u l-ħmar jagħraf lis-sid tiegħu" "(Isaija 1:03). Il-passaġġ ta' Isaija jkompli, "iżda l-Iżrael ma jagħrafx, in-nies tiegħi ma jifhmux." Teologi Kristjani bikrija sabu tifsira allegorika fil-preżenza ta' l-gendus u tal-ħmar fil-Nattivitá, bl-gendus jirrappreżenta Iżrael u l-ħmar il-Ġentili. It-Tfajjel Ġesù divin daħal biex isalva nies tan-nazzjonijiet kollha.



Caltagirone, belt fil-gżira ta' Sqallija, ilha magħrufa bħala ċentru għall-produzzjoni taċ-ċeramika. Il-figuri tan-nativitá ilhom isiru f'Caltagirone sa mill-Medju Evu, u llum ħafna mill-ħwienet qed ikomplu din it-tradizzjoni. Dan

is-sett inxtara f'Casttagirone madwar is-sena 2000. Kollezzjoni fil -Mużew ta' Glencairn, rigal ta' Rita Bonaccorsi Bocher.

L-gendus u l-ħmar huma inklużi fl-arti tan-Nativitá mill-bidu nett. Fil-fatt fi seklu 4 fuq l-għatu tas-sarkofagus f'Milan juri ż-żewġ annimali b' Marija u Ġużeppi neqsin maġenb il-maxtura tat-Tifel Kristu, Minn dan il-perjodu wieħed jara kemm il-ħmar u l-gendus kienu jidhru b'mod prominenti. Fil-fatt dawn qatt ma naqsu li jiġu inklużi f'ħafna xeni moderni tal-Nativitá.

**Marija**

Ir-rakkonti bibbliċi f'Mattew u Luqa jagħmluha ċara li Ġesù Kristu, Iben ta 'Alla, kien imwieled mirakolożament minn verġni, u "l-isem ta' verġni.. kien Marija" (Luqa 1:27). Luqa jgħid li Marija kienet preżenti mal-bambin Ġesù matul iż-żjara mir-rgħajja (2:16), u Mattew jgħid li meta żaru l-għorrief "raw lit-tifel ma' ommu Marija, u niżlu fl-art jadurawĦ" (2 : 11). Il-Bibbja tipprovdi ftit li xejn informazzjoni dwar l-isfond ta' Marija, iżda hi persuna b'mod l-aktar prominenti fit-Testment il-Ġdid Apocrypha.



Marija kultant hija nieqsa mir-rappreżentazzjonijiet artistiċi l-aktar kmieni tan-Nattività, iżda sa tmiem is-seklu 5 hija dejjem tinstab fejn jew qrib il-maxtura. Għall-ewwel elf sena ta' l-arti Kristjana, ġeneralment kienet tirrepeti ruħha, f'pożizzjoni li apparentement kienet maħsuba biex twassal eżawriment wara li jwelldu. Dan jibda jinbidel fl-arti tal-Ewropa tal-Punent matul is-seklu 14, u mill-aħħar tas-seklu 15 'il quddiem Marija normalment tidher għarkobbtejja, b'idejha ma' xulxin, titlob lit-Tfajjel divina tagħha. Ġużeppi u r-ragħajja ta' spiss jidhru magħha.

In-nativitá saret minn Insara Palestinjani fix-Xatt tal-Punent tax-Xmara Ġordan. Skond it-Testment il-Ġdid, il-post fejn twieled Ġesù kien Betlem, belt fuq ix-Xatt tal-Punent ċentrali madwar sitt mili fin-nofsinhar ta' Ġerusalemm. It-tinqix taż-żebbuġ ipprovda lir-residenti lokali b'għajxien sa mis-sekli 16 u 17, meta' l-Franġiskani għallmu lir-residenti lokali, li mbagħad bdew jagħmlu tifkiriet reliġjużi żgħar għall-pellegrini. L-injam ġej minn fergħat li ħarġu miż-żbir tas-siġar taż-żebbuġ. Kollezzjoni fil-Mużew ta' Glencairn rigal ta' Ten Thousand Villages.

Judy Gibson King, USA, 2007. Magħmula bl-idejn minn tafal tal-polimeru, injam, u materjali naturali. King beda jagħmel figuri reliġjużi minn tafal tal-polimeru

bħala forma ta' meditazzjoni privata u talb, iżda x-xogħol tagħha issa sar okkupazzjoni full-time. F'din l-istampa, Marija qed tidher rieqda bir-ras tagħha fil-ħoġor ta' Ġużepp waqt li żżomm lit-tarbija Ġesù. (Tinstab fil-Mużeum ta' Glencairn, rigal ta' Alan u Mary Liz Pomeroy)



**Ġużeppi**

Fir-rakkonti bibbliċi Ġużeppi, ir-raġel ta' Marija, huwa deskritt bħala dixxendent tar-Re David (Luqa 2:04) u "raġel wieħed" (Mattew 1:19). Il-Bibbja ma tiżvelax l-età ta' Ġużepp, iżda fl-arti tradizzjonalment ġie impinġi bħala raġel xiħ, kulltant qargħi, f'konformità mad-dehra tiegħu f'numru ta' testi mhux bibbliċi. Xi nativitajiet moderni jżommu din it-tradizzjoni billi jagħtu lil Ġiżeppi xagħar griż.



*Papier-mache Nativity,* l-Italja, l-1950 u s-60 sena. Dan is-sett tan-Nativitá kien il-proprjetà ta' Dr Rita Bonaccorsi Bocher u r-raġel tagħha Herman "Bud" Bocher. Dr Bocher huwa wieħed mill-fundaturi ta' *The Friends of the Creche*, l-unika organizzazzjoni tan-Nativitajiet nazzjonali fl-Istati Uniti. Hija kienet il-publikatur u l-editur ta' *The Crèche Herald* mill-ewwel dehra tagħha fl-1997. Fl-2008, fit-18-il Kungress Internazzjonali ta' Crèche f'Augsburg, il-Ġermanja, Dr Bocher ingħata l-Midalja tal-Federazzjoni Internazzjonali tas-sehem fil-promozzjoni tat-tradizzjoni tan-Nativitá. (Parti mill-kollezzjoni fil-Mużew ta' Glencairn, rigal ta' Rita Bonaccorsi Bocher.)



Ġużeppi spiss jidher li jkollu bastun, li xi drabi jintemm fi fjura. Dan għandu l-oriġini tiegħu fi storja apokrifjali dwar kif Ġużeppi li ġie magħżul biex ikun ir-raġel ta› Marija. Ħafna mill-Evanġelji apokrafi, kif ukoll fil-ktieb tas-seklu 13 ta' Jacobus de Voragine. Fil-Leġġenda tad-Deheb, tgħid li Marija għexet fit-Tempju f'Ġerusalem għall-biċċa l-kbira tat-tfulija tagħha. Meta laħqet l-età taż-żwieġ il-qassis il-kbir talab lil dawk kollha eliġibbli biex imorru fit-Tempju bil-bastun tagħhom fl-idejhom. Skont l-Evanġelju tal-Infanzja ta' James, Ġużeppi kien magħżul minn fost dawk

eliġibbli meta ward mirakoluż ħareġ mill-quċċata tal-bastun tiegħu. Għal din ir-raġuni, fi żminijiet aktar tard il-ġilju sar l-emblema ta' San Ġużepp. Ġużeppi jidher bil-ġilju f'din in-Nativitá taċ-ċeramika magħmula minn Josefina Aguilar f'Oaxaca, il-Messiku.

Nativita minn Josefina Aguilar, Octolán de Morelas, Oaxaca, il-Messiku, circa 1990. Josefina hija forsi l-aktar magħrufa mill-erba' sorijiet Aguilar, artisti folkloristiċi Messikani li jgħixu f'Octolán, raħal qrib il-belt ta' Oaxaca. Josefina kienet l-ewwel sieħba tagħha li tikseb rikonoxximent internazzjonali. Illum l-arti folkloristika tas-sorijiet Aguilar tista' tidher fil-mużewijiet u kollezzjonijiet privati madwar id-dinja. (Tinstab fil-kollezzjoni tal-Mużew ta' Glencairn, rigal ta' Rita Bonaccorsi Bocher u Frank u Mary Bonaccorsi Herzel.)

Bidu tas-seklu 15, l-artisti xi kultant kienu jpinġu lil Ġużeppi b'xemgħa f'idu. Dan kien mnebbaħ mill-passaġġ fil-kitba minn vizjoni mística ta› Santa Brigita ta› l-Iżvezja (1303-73):

"Magħha (għal Marija) kien hemm raġel xiħ ħafna dinjituż ġqed jirreferi għal San Ġużeppħ; u magħhom kellhom kemm gendus u ħmar. Meta daħlu fil-grotta, u wara li l-gendus u l-ħmar kienu marbuta mal-maxtura, ir-raġel anzjan mar barra u ġab lill-Verġni xemgħa mixgħula u poġġieta f'toqba ġol ħajt u marret barra sabiex ma tkunx personalment preżenti fit-twelid



Santa. Bridgita tkompli tgħid li, ladarba t-Tifel Kristu twieled, il-grotta fejn seħħ it-twelid kienet mimlija b'dawl divin li kompletament tfiet id-dawl tax-xemgħa ta' Ġużeppi. Fl-arti ta' sekli li għaddew ix-xemgħa ta' Ġużepp inbidlet f'fanal - mhux neċessarjament b'referenza għall-viżjoni ta' Santa Bridgita, iżda sempliċiment biex tixgħel l-ispazju fil-stalla jew l-għar. Ħafna Nativitajiet moderni jkomplu jagħtu lil Ġużeppi fanal, bħal dan l-eżempju mmarkat bl-idejn mill-injam mir-Russja.

# *Il-Kantiku tal-Milied*

**Minn Emmanuel Scicluna**

Waħda mill-għanjiet tal-Milied li saret popolari ħafna għax daħlet fir-repertorju ta' orkestri, korijiet, tenuri, kantanti rġiel u nisa u titkanta f'kull stil, hi l-għanja li bl-Ingliż iġġib l-isem ta' "O holy Night". Din l-għanja tal-Milied oriġinarjament hi għanja Franċiża li ġġib l-isem ta' "Minuit, Chretiens", "Nofs il-Lejl, Insara!" jew inkella "Cantique de Noel"- "Kantiku tal-Milied"

Kien fit-3 ta' Diċembru tas-sena 1847 li Placide Cappeau kiteb il-kliem ta' din l-għanja. Ftit li xejn għaddielu minn moħħu kemm din l-għanja kellha tikseb popolarita' fis-snin ta' wara. Meta kiteb il-kliem kien jinsab ġo diliġenza, karozzella, sejjer lejn Pariġi u kien jinsab fit-triq bejn Macon u Dijon. Id-diliġenza hi tip ta' kowċ miġbuda minn erba' jew sitt żwiemel. Għalkemm il-ferroviji kienu diġa ivvintati, ma kienux jilħqu kull belt jew raħal u n-nies baqgħet tuża d-diliġenza sakemm il-ferroviji bdew jilħqu l-ibliet kollha u saru l-iktar mezz ta' trasport popolari u rħis.

Placide Cappeau twieled fil-25 ta' Ottubru 1808 fil-belt ta' Roquemaure li tinsab ftit 'l bogħod mill-belt iktar magħrufa ta' Avignon. Il-belt ta' Roquemaure tinsab fid-dipartiment Gard fin-nofsinhar ta' Franza. Roquemaure hu port magħruf fir-reġjun għall-kummerċ tal-inbejjed magħrufa Cotes du Rhone, billi tinsab fuq ix-xatt tal-lemin tax-xmara Rhone. Missier Placide kien jismu Mathieu u ommu Agathe Louise Martinet. Sa minn ċkunitu kien destinat li jaqbad il-karriera ta' missieru. Missieru kien jagħmel il-btieti u kien ukoll kummerċjant tal-inbid. Meta kellu 8 snin Cappeau kien ma' ħabib tiegħu bl-isem ta' Brignon. Dan Brignon kien qed jilgħab b'arma tan-nar u tir minn din l-arma laqat lil Cappeau f'idejh. Dan wassal biex kellhom jaqtgħulu idu. Missier Brignon bħala kumpens ħallas għal nofs l-ispejjes tal-iskola u b'hekk Placide Cappeau daħal jistudja fil-Kullegg Rjali ta' Avignon, kulleġġ immexxi mill-Ġiżwiti, fejn minkejja d-diżabilita tiegħu kiseb l-ewwel premju fit-tpinġija. Wara mar jistudja l-letteratura fil-belt ta' Nimes u kif temm dawn l-istudji mar jistudja l-liġi Pariġi. Wara reġa' mar lura fil-belt twelidu. Mexa fuq il-passi ta' missieru u sar kummerċjant tal-inbid iżda l-iktar ħaġa importanti f'ħajtu kienet il-letteratura.

Kien il-kappillan ta' Roquemaure, Eugene Nicolas, li talab lil Placide Cappeau jikkomponi din l-għanja bil-ħsieb li kellha titkanta waqt manifestazzjonijiet kulturali u reliġjużi bil-għan li dan il-kappillan jiġbor flus ħalli jagħmel ħġieġ ik kulurit fil-knisja ta' San Ġwann il-Battista.

Placide Cappeau kiteb xogħlijiet oħra u kien ħabib ta' kittieba u poeti li għexu fi żmienu.



Placide Cappeau miet ta' 69 sena fit 8 ta' Awwissu 1877.

Il-Kompożitur tal-mużika kien Adolphe Charles Adam. Adolphe Adam kien kompożitur u kritiku mużikali. Twieled Pariġi fl-24 ta' Lulju 1803 u miet fit-3 ta' Mejju 1856. Missieru Louis kien ukoll kompożitur u professur fil-konservatorju

ta' Pariġi.  Meta kien żgħir kien iħobb jimproviża mużika tiegħu iktar milli jistudja l-mużika bis-serjeta'. Fl-1817 daħal jistudja fil-konservatorju ta' Pariġi fejn studja l-orgni u l-armonju taħt surmastrijiet ċelebri. Kien idoqq it-trianglu fl-orkestra tal-Konservatorju.  Missieru ma għamillux qalb jaqbad karriera fil-mużika.

Meta kellu 20 sena kien diġa' jikteb kanzunetti li kienu jitkantaw fil-teatri popolari u jdoqq fl-orkestra tal-Gymnase Dramatique, fejn aktar tard sar ukoll is-surmast tal-kor.  Bħal ħafna kompożituri kien jaqla x'jiekol billi jdoqq l-orgni.  Bil-flus li għamel ivvjaġġa f'ħafna pajjiżi Ewropej.   Tul ħajtu kiteb 78 opera komika, 29 mużika għal ballet li l-iktar li baqgħet ttissemma' hi Giselle, 5 opri, barra 4 quddiesiet, motetti u biċċiet għall-orgni. iktar xogħolijiet għall-ballet u 39 opra. Miet fit-3 ta' Mejju 1856 u ndifen fiċ-ċimiteru ta' Montmatre Pariġi fejn hemm midfuna għadd ta' persunaġġi importanti f'kull qasam tal-arti.

Adolphe Adam kiteb il-mużika għal din l-għanja tal-Milied fi ftit jiem u ndaqqet għall-ewwel darba fl-24 ta' Diċembru 1847 waqt il-quddiesa ta' nofs il-lejl f'din il-knisja żgħira ta' Roquemaure.

Aħna iktar nafu din l-għanja bħala "O Holy Night" u nkantawha bl-Ingliż. Il-kliem bil-Franċiż hu differenti.

Fiha tliet strofi għalkemm f'din id-diska li ser tisimgħu ikantaw żewġ strofi biss.
Il-kliem hu dan:
Hu nofs il-lejl, Insara, hi s-siegħa solenni
Meta l-Bniedem-Alla niżel sa ħdejna.
Biex iħassar it-tebgħa tan-nisel/  tad-dnub oriġinali
U jtemm / iwaqqaf  l-għadab tal-Missier.
Id-dinja kollha tħossha titqanqal bil-ferħ tat-tama
F'dan il-lejl li jagħtiha il-Feddej.
Poplu inżel għarkubtejk, stenna l-ħelsien tiegħek
Noel! Noel! Ekku l-Ħellies / ir-Redentur
Noel! Noel! Ekkui l-Ħellies

Id-dawl  qawwi tal-fidi tagħna
Twassalna ħdejn in-nieqa tat-Tarbija
Kif fl-imgħoddi kewkba tleqq u tiddi
wasslet hemm lil Maġi mill-Orjent.
Ir-Re tar-rejiet jitwieled f'maxtura umli,
Intom il-qawwija tal-lum, kburin bil-kobor tagħkom
Hu, lis-sens ta' kburija tagħkom, lil Alla jippriedka.
Baxxu raskom quddiem il-Ħellies
Baxxu raskom quddiem il-Ħellies.

Il-Ħellies kiser kull xkiel
Id-dinja hi ħielsa u s-sema nfetaħ
Jara / Iqis bħala ħuh dak li qabel kien ilsir
L-imħabba tgħaqqad lil dawk mjassra bis-saħħa tax-xabla.
Min ser jgħidlu l-gratitudni tagħna? kemm aħna rikonoxxenti
Għax minħabba fina lkoll li twieled, li bata u miet.
Poplu qum fuq saqajk. Kanta l-ħelsien tiegħek.
Noel! Noel! Inkantaw lill-Ħellies
Noel! Noel! Inkantaw lill-Ħellies

Fis-sena 1855 John Sullivan Dwight ministru tal-knisja Unitarja qaleb Il-kliem ta' din l-għanja għall-Ingliż. Ma għamilx traduzzjoni kelma kelma iżda ħa l-idea ġenerali u sawwwar kliem li jixirqu. Il-kliem bl-Ingliż huma dawn:
O Lejl Qaddis, il-kwiekeb qed jiddu u jleqqu
Dan hu lejl it-twelid tal-għażiż Salvatur tagħna.
Id-dinja kienet għal ħafna żmien titniehed fid-dnub u fl-iżball,
Sakemm deher Hu u r-ruħ ħasset tassew kemm tiswa.
F'dehxa ta' tama id-dinja għajjiena tifraħ,
Għax hemm żernaq jum ġdid u glorjuż.
Inżlu għarkubtejkom. O isimgħu l-ilħna tal-anġli
O lejl divin, O lejl meta twieled Kristu
O Lejl, O lejl qaddis, O lejl divin

Immexxija mir-raġġi tad-dawl tal-fidi
B'Qalbna mixgħula ninsabu ħdejn il-maxtura tiegħu
Immexxija wkoll minn kewkba tiddi
Jigu l-għorrief Mill-artijiet tal-Orjent
Ir-re tar-rejiet hemm kien f'maxtura fqajra
Twieled biex ikun il-ħabib tagħna f'kull tweghir
Jaf il-ħteġijiet tagħna, Iħarisma mid-deni
Araw ir-re tagħkom! Quddiemu baxxu raskom
Araw ir-re tagħkom! Quddiemu baxxu raskom

Fis-sewwa għallimna nħobbu lil xulxin
Il-liġi tiegħu u l-vanġelu tiegħu hi l-paċi
Ikisser il-ktajjen, għax l-ilsir hu ħuna
U f'Ismu kull jasar jintemm
F'innijiet ħelwin ta' ferħ ngħollu grati leħinna
Dak kollu li hemm fina jfaħħar lil ismu qaddis

Kristu hu l-Mulej, Faħħar lil ismu għal dejjem
Is-setgħa tiegħu u l-glorja għal dejjem stqarr
Is-setgħa tiegħu u l-glorja għal dejjem stqarr





DELICATESSEN

VICTORY
BUTCHER

GOURMET FOODS & WINES



1, Victory Butcher,
Toni Bajada Square,
Naxxar

Tel: 21410292
email: victorybutcher@melita.com

OPENING HOURS:
Mon - Fri: 7.00 am - 7.00 pm
Sat: 7.30 am - 2.30 pm

Find us on: facebook






